# Ir-Rapport Annwali 2023

Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# Ir-Rapport Annwali

2023

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2024 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke, PBK 1776
*ktieb.org.mt*

Stampat: L-Istamperija tal-Gvern

Disinn: Naomi Portelli

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: 978-9918-9561-2-8: Rapport Annwali 2023 (verżjoni mitbugħa)
978-9918-9561-4-2: Rapport Annwali 2023 (verżjoni e-book)

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jissellef jew jingħata bħala donazzjoni. Jista' jiġi riprodott, f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ, jekk qabel jintalab il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Werrej*


Il-Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv *5*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *8*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *12*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *16*

Xogħol fuq Barra u l-Esportazzjoni Letterarja *18*

Produzzjonijiet Awdjoviżivi *22*

Konkorsi Letterarji *24*

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus *26*

Inizjattivi Oħra *28*

Ir-Rapport Finanzjarju *34*

L-ISBN u l-ISMN *36*

Il-Ħlas tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku *70*

# Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti għall-awturi, il-pubblikaturi, it-tradutturi, l-edituri u l-illustraturi. Dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Il-KNK jirrappreżenta lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex jitmexxew 'il quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; ivara diversi konkorsi letterarji; huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-KNK hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo,
Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776
Malta (UE)

*Telefown*
+356 2713 1574

**L-istaff u d-dettalji tagħhom**

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri
mark.camilleri.5@gov.mt

*Direttur Eżekuttiv*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Eżekuttiv tal-Kontijiet u l-Finanzi*
Natalija Ninkovikj
accounts@ktieb.org.mt

*Maniġer Anzjan*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Maniġer*
Andrew Ricca
andrew.ricca@ktieb.org.mt

*Maniġer*
Jasmine Bajada
jasmine-alexa.bajada@gov.mt

*Maniġer (Uffiċjal tal-ISBNs)*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Maniġer (Marketing)*
Teodor Reljić
teodor.reljic@gov.mt

Il-Kunsill Nazzjonali Tal-Ktieb

# *Messaġġ mill-Kap Eżekuttiv*



Kap Eżekuttiv
Mark Camilleri

Għaddew bħal żiffa riħ ftit aktar minn sentejn mill-ħatra uffiċjali tiegħi, f'Settembru tal-2021. Tul dan iż-żmien, ħdimna bla waqfien fuq kull inizjattiva tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, waqt li affaċċjajna l-isfidi li ltqajna magħhom u implimentajna l-viżjoni tagħna. Inkomplu niffukaw bis-sħiħ fuq l-industrija tal-pubblikazzjoni, li tibqa' aspett kruċjali fl-iżvilupp kulturali tal-pajjiż.

Il-Kunsill kompla jibni fuq dak li beda fl-2022, bil-ħsieb li jżomm maż-żminijiet u jibqa' dejjem aktar rilevanti f'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla. Il-kalendarju tagħna ftit li xejn jieħu pawża peress li kull xahar inkunu għaddejjin fuq xi ħidma marbuta ma' waħda mill-inizjattivi tagħna, xi fond jew konkors li jagħmlu parti ċentrali mill-mandat tagħna. Minnu nnifsu, dan huwa sinjal tal-ħidma attiva tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, kif ukoll tal-impenn tagħna biex nilħqu l-miri tal-viżjoni tagħna għall-futur u negħlbu d-diffikultajiet li ltqajna magħhom.

Minħabba li x-xogħol żdied, kienet tinħass il-ħtieġa ta' żieda fl-istaff tal-Kunsill. Għaldaqstant minn nofs Awwissu bdew jaħdmu magħna żewġ impjegati ġodda, maniġer li ħa jkun qed jiffoka fuq il-marketing tal-Kunsill u maniġer oħra li ħa tkun qed tgħin fix-xogħol li għandu dan it-tim żgħir. Frott dan ir-reklutaġġ bħalissa l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu n-numru massimu ta' impjegati full-time li qatt kellu fl-istorja tiegħu. Bil-proġetti u l-isfidi li għandna quddiemna għas-snin li ġejjin, dan huwa biss il-bidu ta' proċess ta' tkabbir sabiex tassew jirrifletti l-firxa tal-operat tagħna.

Is-sena 2023 kienet waħda impenjattiva ħafna kemm għall-KNK kif ukoll għalija bħala Kap Eżekuttiv. Il-vjaġġ tagħna beda b'żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni f'Jannar mal-imsieħba tagħna. Dawn il-laqgħat iservu għan doppju li nżommu djalogu ħaj mal-imsieħba fl-industrija tal-pubblikazzjoni filwaqt li nibqgħu aġġornati mal-ħtiġijiet tal-industrija. Matul il-laqgħa mal-pubblikaturi ddiskutejna diversi temi attwali, mill-prezz dejjem jiżdied tal-karta sat-talba għal sussidju mill-Gvern. Il-prodott finali bħala ktieb mitbugħ qiegħed dejjem jogħla u l-ammont ta' kopji stampati qiegħed kulma jmur jonqos, u din is-sitwazzjoni qed tkun ta' detriment għall-kultura ta' Malta u Għawdex. Diskussjoni fit-tul dwar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tas-sena 2022 wasslet għal bidla fid-dati tal-edizzjoni tal-2023, li saret f'Ottubru flok f'Novembru. Il-laqgħa mal-awturi fanndet fl-inizjattivi li jolqtuhom direttament, bħall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, il-Fond Malti tal-Ktieb, u l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku.

Waqt iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li saret nhar l-24 ta' Novembru, enfasizzajt dwar id-diffikultajiet li affaċċjaw il-pubblikaturi f'dawn l-aħħar xhur u ħabbart li mill-2023, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jibda jippremja mhux biss lill-awturi u l-illustraturi iżda se jagħti rikonoxximent finanzjarju anke lid-djar tal-pubblikazzjoni, bi premju ta' €1,000 għal kull ktieb rebbieħ. L-għan ta' dan il-premju hu li jinċentivizza lill-pubblikaturi biex

ikomplu jinvestu fit-talent lokali filwaqt li jtejbu l-kwalità tal-produzzjonijiet tagħhom, b'rikonoxximent għall-irwol ċentrali tagħhom fl-ekosistema tal-industrija.

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li saret bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru, irċeviet kummenti pożittivi ħafna dwar kif kien imqassam il-Festival, bil-kunċett tal-pjazza fin-nofs. It-temp bnazzi matul il-ġranet tal-ftuħ iffaċilita l-attendenza ta' eluf t'individwi u mijiet ta' familji. Il-Festival laqa' 44 esebitur kif ukoll numru ta' mistiedna speċjali, apparti li ġibed lejh aktar minn sitt elef student.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma jistax ikun gżira maqtugħa għaliha. Il-benefiċċji li nħasdu minn kollaborazzjonijiet u sinerġiji ma' entitajiet u għaqdiet oħra waqt il-Festival kienu ħafna. Il-fatt li għal din l-edizzjoni żidna n-numru ta' kollaborazzjonijiet jimliena bi kburija u b'kuraġġ li ninsabu fit-triq it-tajba. Matul iż-żjajjar tal-iskejjel, Dù Theatre tellgħu xows għat-tfal bil-Malti li ġew ispirati minn kotba Maltin li rebħu l-Premju Terramaxka. Iż-żjara ta' korteżija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta' Ġibiltà fetħet djalogu għal ħidma sinerġetika flimkien għas-snin li jmiss. Bħala parti mill-ftehim bejn il-KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti, mill-ġdid erġajna tellajna esebizzjoni dwar l-istorja tal-illustrazzjoni fil-letteratura b'dawl qawwi fuq l-illustrazzjoni klassika u kontemporanja. Mill-ġdid, grazzi għall-appoġġ tal-Fondazzjoni Inspire u għajnuna finanzjarja mill-Bank APS, il-Festival kellu kamra sensorja għal tfal fuq l-ispettru tal-awtiżmu, li tejbet l-inklussività u l-aċċessibilità tal-Festival.

L-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku mill-ġdid offriet €60,000 imħallsa kull tliet xhur lil mijiet t'awturi. Il-Kunsill baqa' jagħti – u kommess li jibqa' – donazzjonijiet ta' kotba ta' kull ġeneru lil Malta Libraries għal qarrejja minn kull sfera tal-ħajja sabiex naċċertaw li kulħadd ikollu aċċess għall-akbar numru possibbli ta' kotba Maltin. L-awturi, l-edituri u l-illustraturi jitħallsu għal kull ktieb misluf mil-Libreriji Pubbliċi ta' Malta u Għawdex kif ukoll il-librerija tal-Università ta' Malta.

Sodisfazzjon ieħor huwa l-kwalità tal-proġetti sottomessi fil-fergħat kollha tal-Fond Malti tal-Ktieb ta' din is-sena. Il-KNK kommess li jissapportja b'mod konsistenti lill-awturi, it-tradutturi u l-pubblikaturi billi jwieżen xi proġetti u jinkoraġġihom biex ma jħassrux pjanijiet minħabba n-nuqqas ta' vijabilità kummerċjali. Qegħdin naħdmu qatigħ sabiex nippromwovu dan il-Fond f'fieri barranin waqt il-ħidma tagħna barra minn xtutna. Dan għandu jsaħħaħ l-esportazzjoni tal-letteratura tagħna fi swieq barranin, u permezz ta' kotba barranin tradotti minn lingwi oħra għall-Malti nwessgħu l-aċċessibilità tal-poplu li jaqra bi lsien pajjiżu.

L-esebizzjoni *From Illustration to Book* fil-Pjazza tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023






Awturi, illustraturi u pubblikaturi networking fil-London Book Fair 2023

Inizjattivi bħall-faċilitar tal-pubblikazzjoni ta' edizzjoni speċjali ta' *Modern Poetry in Translation* (MPT) li tiġbor poeżiji Maltin, il-ftehim mal-Fondazzjoni tal-Commonwealth dwar il-Premju tan-Novelli tagħhom u l-kollaborazzjoni mal-Moviment Artistiku tad-Drittijiet tal-Bniedem (IHRAM) għal antoloġija li se titnieda fl-2024, jixhdu l-impenn tagħna għal preżenza letterarja globali. Mill-ġdid erġajna kkollaborajna mal-pubblikaturi żgħar u indipendenti bbażati fir-Renju Unit, Praspar Press, bl-għan li tinfirex il-letteratura ta' pajjiżna fis-suq Ingliż. L-attendenza tagħna fil-Fiera tal-Kotba f'Londra u l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-ISBN fil-Marokk saħħet il-kuntatti internazzjonali tagħna. Grupp ta' pubblikaturi, awturi u illustraturi Maltin żaru l-Fiera tal-Kotba f'Londra f'April, li serviet ta' opportunità importanti biex jiġu stabbiliti relazzjonijiet ġodda u jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju.

Il-ħidma sabiex jitlesta ċ-Ċentru Malti tal-Ktieb fi Triq Zekka fil-Belt Valletta għadha għaddejja. Din is-sena ġie fi tmiemu r-restawr ta' tpinġijiet fil-parti fejn huwa ppjanat li jkun hemm il-kafetterija u f'Jannar għandhom jibdew ix-xogħlijiet strutturali fuq il-binja, sabiex imbagħad ikun imiss ix-xogħlijiet mekkaniċi marbuta ma' dawl u ilma. Iċ-Ċentru Malti tal-Ktieb se jkun qed joffri numru ta' servizzi taħt saqaf wieħed lil dawk kollha li jagħmlu parti mill-industrija tal-ktieb: awturi, tradutturi, edituri, illustraturi, pubblikaturi u qarrejja. Għandna maħsub ħanut tal-kotba fil-qalba tal-belt kapitali tagħna li joffri vetrina kbira fuq il-prodott lokali u jagħti opportunità lill-Maltin u l-Għawdxin, residenti barranin u t-turisti li jżuru pajjiżna sabiex jiskopru x'toffri l-letteratura Maltija. Biswitu kull min iżur il-ħanut ħa jkun qed isib spazju miftuħ fejn jista' jaqra jew jiddiskuti. Se nkunu qed noffru wkoll spazju fejn wieħed jista' jorganizza tnedijiet ta' kotba, seminars u attivitajiet oħra marbuta mad-dinja tal-pubblikazzjoni. Dan sabiex ma nsemmux ukoll il-ħsieb li jkollna mużew interattiv, b'esebizzjonijiet permanenti u temporanji li jitfgħu dawl mistħoqq fuq l-istorja tal-ktieb Malti. Għaldaqstant dawn l-inizjattivi kollha taħt l-istess saqaf se jservu ta' investiment dirett fid-djar tal-pubblikazzjoni Maltin. Il-kunċett wara ċ-Ċentru Malti tal-Ktieb twelled ukoll sabiex jitpoġġa fuq il-mappa tat-turiżmu kulturali ta' pajjiżna, grazzi anke għall-kollaborazzjonijiet potenzjali m'aġenziji lokali u barranin. Għaldaqstant tard is-sena li ġejja se nkunu qegħdin inniedu l-viżjoni strateġika marbuta maċ-Ċentru li twitti t-triq 'il quddiem fejn jikkonċerna dan il-proġett kapitali.

Matul is-sena 2024, il-Kunsill se jkun qed jaħdem biex jiżviluppa strateġija nazzjonali komprensiva għas-snin 2025-2030 – proċess metikoluż li jinvolvi konsultazzjonijiet wesgħin mal-imsieħba kollha tal-industrija, ġbir estensiv ta' dejta u t-twaqqif ta' miri speċifiċi li jistgħu jintlaħqu. Dan id-dokument importanti se jkun maħsub sabiex joffri viżjoni ċara u direzzjoni 'l quddiem kemm fil-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kif ukoll fejn trid tmur id-dinja tal-ktieb Malti sabiex tibqa' rilevanti u tkun storja ta' suċċess.

Għall-ġejjieni, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb se jibqa' ddedikat biex irawwem it-tkabbir u r-rikonoxximent globali tal-letteratura Maltija.

# Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb



Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar premju letterarju prestiġġjuż mogħti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb lil awturi, pubblikaturi, illustraturi u tradutturi għal kotba ppubblikati f'Malta matul is-sena preċedenti. Fl-2023, is-sejħa kienet miftuħa għal tmien kategoriji fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li jkopru kotba għall-adulti, u sitta għall-Premju Terramaxka li jkopru kotba għat-tfal u l-adolexxenti. Il-kotba mressqa bħala finalisti u r-rebbieħa nfushom intgħażlu minn bord aġġudikattiv indipendenti li assigura l-ogħla grad ta' trasparenza u professjonalità.

Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023 tħabbru nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru waqt ċerimonja privata ppreżentata minn Glen Falzon fil-Magazino Hall, il-Waterfront tal-Belt. Fl-indirizz tiegħu tal-ftuħ, il-Kap Eżekuttiv tal-KNK Mark Camilleri weġġaħ il-wirt sinjifikanti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, illum fis-46 edizzjoni, u ħabbar li minn din l-edizzjoni 'l quddiem, il-pubblikaturi rebbieħa kollha se jirċievu premju ta' €1,000. Din il-fergħa ġdida tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tnisslet mill-bżonn li jingħata ħajr lill-pubblikatur tas-sehem importanti tiegħu fil-produzzjoni ta' publikazzjoni denja tal-Premju kif ukoll bħala rikonoxximent tal-isfidi li l-pubblikaturi ħabbtu wiċċhom magħhom f'dawn l-aħħar snin minħabba d-diżordni ekonomika kkawżata mit-taqlib internazzjonali.

Għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023 tressqu total ta' 161 sottomissjoni, li ffurmaw il-lista t-twila. Bord independenti tal-aġġudikazzjoni għażlet il-kotba rebbieħa minn lista finali ta' 62 xogħol minn 13-il pubblikatur u 54 awtur, li tħabbret fit-13 ta' Ġunju. 36 ktieb tniżżlu fil-lista finali, mifruxa mat-tmien kategoriji għall-adulti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż; Novelli bil-Malti u bl-Ingliż; Poeżija bil-Malti u bl-Ingliż; Drama bil-Malti u bl-Ingliż; Letteratura Mhux Fittizja; Traduzzjoni; Riċerka Ġenerali; u Riċerka Bijografika u Storjografika. 26 xogħol ieħor ikkompeta fost is-sitt kategoriji tal-Premju Terramaxka, mogħti lil kotba miktuba għat-tfal u ż-żgħażagħ – Kotba Oriġinali għat-Tfal bejn 0-7 snin u 8-12-il sena, Kotba Oriġinali għaż-Żgħażagħ, u Kotba




Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023

*Għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023 tressqu total ta' 161 sottomissjoni, li ffurmaw il-lista t-twila*



It-trofew tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb



Il-Poeta Lawreata ta' Malta Maria Grech Ganado

Tradotti għat-Tfal bejn 0-7 snin u 8-12-il sena; u Letteratura għaż-Żgħażagħ Tradotta.

Lil hinn minn dawn l-14-il kategorija kompetittiva, il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ta' kull sena jagħti wkoll numru ta' premjijiet speċjali. Fl-2023, il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura ngħata lill-Prof. Daniel Massa, filwaqt li Lon Kirkop ingħata l-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jirrikonoxxi wkoll il-ħidma ta' żewġ pubblikaturi permezz tal-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra li jingħata lil ktieb immirat għall-adulti u ktieb immirat għat-tfal. Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jirċievu s-somma ta' €4,000, filwaqt li t-tradutturi rebbieħa tal-Premju Terramaxka jirċievu €2,000.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Terramaxka 2023: Rachel Baldacchino, Liam Gauci, Joseph M. Brincat, Simone Spiteri, Omar Seguna, Robert Pisani, Charmaine Bonello, Kristy Psaila u Sandra Hili Vassallo. Ħajr speċjali jmur ukoll lil Margaret Callus minn Malta Libraries għall-klassifikazzjoni tal-kotba mressqa fil-kategoriji rispettivi tagħhom.

## L-ewwel ġabra ta' poeżiji tal-Poeta Lawreata

Fil-11 ta' Lulju 2023, *The Bell* (Kotba Calleja, 2023) ta' Maria Grech Ganado tnieda bħala l-ewwel ġabra ta' poeżiji tagħha bit-titlu onorarju ta' Poeta Lawreata ta' Malta. Din il-pubblikazzjoni, li ġiet parzjalment megħjuna mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, ġiet iċċelebrata fil-Palazz ta' San Anton taħt il-patroċinju tal-E.T. il-President ta' Malta Dr George Vella.

It-titlu tal-Poeta Lawreat ingħata lil Grech Ganado mill-KNK waqt iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019, l-istess sena li rebħet il-Premju fil-kategorija tal-Poeżija għar-raba' darba bil-ġabra *Framed* (Merlin Publishers, 2018). Aktar qabel, fl-2015, Grech Ganado ngħatat rikonoxximent prestiġġjuż ieħor mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura għall-kontribuzzjonijiet tagħha għal-letteratura Maltija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

# *Il-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka 2023*

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Belgħa Te** — *Paul P. Borg (Horizons)*
**Ir-Rumanz tal-Fieres Safran** — *Alfred Sant (Quinque)*
**Marta Marta** — *Loranne Vella (Ede Books)*
**Sajf** — *Ryan Falzon (Kotba Calleja)*
**Sekonda bejn Tnejn** — *Helen Borg (Horizons)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Amsterdam u Rakkonti Oħra** — *Joe Pulè (BDL Publishing)*
**Id-Dubbiena u Stejjer Oħra** — *Carmel Scicluna (Horizons)*
**L-Eku tal-Ħabbata** — *Joe Camilleri (Horizons)*
**Tbajja' tax-Xemx u Stejjer Oħra għad-Dell** — *Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Bejn il-Binarji** — *John P. Portelli (Horizons)*
**Ilma** — *Gioele Galea (Horizons)*
**Imbagħad il-Qiegħ** — *Murad Shubert (Klabb Kotba Maltin)*
**Kollox Jeħel Magħna** — *Francesco Grech (Merlin Publishers)*
**Max-Xatt tat-Tamarisk** — *Claudia Gauci (Kotba Calleja)*
**Meta Tlaqt lil Adam** — *Elena Cardona (Klabb Kotba Maltin)*
**Tao** — *Caldon Mercieca (Kotba Calleja)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**Erba' Drammi għat-Teatru, Vol. 2** — *Albert Marshall (Horizons)*
**Fil-Ħajja li Jmiss u Drammi Oħra tat-Triq** — *Lon Kirkop (Merlin Publishers)*
**Tebut Isfar** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**My Life and Times: Memories and Experiences of a Maltese Civil Servant** — *Alfred Fiorini Lowell (Kite Group)*

Traduzzjoni
**L-Analetti (Konfuċju)** — *trad. Salvatore Giuffrè (SKS Publishers)*
**Mur Ġibek… Eżerċizzji ta' Tortura u Seduzzjoni (Irene Chias)** — *trad. Mark Vella (Horizons)*
**Storja Medika ta' Malta (Paul Cassar)** — *trad. Godwin Ellul (Faraxa Publishing)*
**Waqt (Wislawa Szymborska)** — *trad. Antoine Cassar (Faraxa Publishing)*

Riċerka Ġenerali
**Architecture • Visions on Paper • Malta** — *Conrad Thake (Kite Group)*
**Celebrating Music: A Selection of Good Causes** — *Heritage Malta (Heritage Malta Publishing)*
**In the Footsteps of Antonello da Messina: The Antonelliani between Sicily and Venice** — *Charlene Vella (Midsea Books)*
**The Art of Dying Well: Visual Cultures in Times of Piety and Plague Malta 1675–1814** — *Christian Attard (Kite Group)*
**The Role and Symbolism of Flowers in Maltese Art** — *Glorian Micallef-Grimaud (Faraxa Publishing)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Eddie: Is-Sewwa Jirbaħ Żgur** — *Dione Borg (BDL Publishing)*
**Gustave R. Vincenti: An Architectural Legacy** — *David Ellul (Kite Group)*
**Malta War Occurrences: The Police Logbooks 1940–1942** — *Jeffrey Sammut (BDL Publishing)*
**Society Fashion in Malta: The Portrait Photography of Leandro Preziosi 1830–1869** — *Caroline Tonna (Fondazzjoni Patrimonju Malti)*
**The Front Page on the Frontline: The Maltese Newspapers and the Second War** — *Martin G. Debattista (Midsea Books)*
**Decolonising the Maltese Mind: In Search of Identity** — *Charles Xuereb (Midsea Books)*
**Slavery, Treason and Blood: The 1749 Plot of the Slaves in Malta** — *William Zammit (Heritage Malta Publishing)*

## Il-Premju Terramaxka

Xogħlijiet Oriġinali għal Tfal ta' bejn 0–7 snin
**Ana u Zak Isalvaw il-Pjaneta!** — *Audrey Friggieri, ill. Vincianne Scerri (Merlin Publishers)*
**Bejn Rima u Tbissima: Niskopru l-Annimali** — *Rebekah Grima, ill. Kite Group (Kite Group)*
**Flavia: In-Nagħġa li Kienet Tibża'** — *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*
**Ħabiba Ġdida** — *Rachelle Cortis, ill. Naomi Gatt (Faraxa Publishing)*
**Id-Dar tal-Ħolm** — *Moira Scicluna Zahra (Merlin Publishers)*
**Il-Bużu u ż-Żarbuna Maġika** — *Kelly Busuttil, Rita Saliba, ill. Rebecca Zammit (Klabb Kotba Maltin)*
**Jien u Beppe, Beppe u Jien** — *Clare Azzopardi, Beppe Caruana, ill. Kyle Xuereb Cunningham (Merlin Publishers)*
**Luċjan u Enzo: Is-Sriedak li Kienu Jgħiru għal Xulxin** *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*
**Oreste: Iż-Żiemel li Kien Imkabbar** — *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*
**Stewart: Il-Ħanżir li Kien Buli** — *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*
**My Pet Cloud** — *Eric Sameed Turner, ill. Charis B. Chusna (Faraxa Publishing)*

Xogħlijiet Oriġinali għal Tfal ta' bejn 8–12-il sena
**Ejja Nsajru Poeżija: Versi, Logħob bil-Kliem u Aktar…** — *Trevor Żahra (Merlin Publishers)*
**Il-Bebbuxu Trumbetta** — *Claudia Aloisio, ill. Matt Stroud (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Kreatura taħt is-Sodda** — *Simon Bartolo, ill. José Luís Ocaña (Merlin Publishers)*
**Irvin Vella, Investigatur Virtwali: Il-Każ tal-Ħabsi Bla Ħtija** — *John A. Bonello, ill. Francesca Grech (Merlin Publishers)*
**Tita Tmiss l-Art** — *Clare Azzopardi, Glen Calleja, ill. Naomi Gatt (Kotba Calleja)*
**Warda Żżur lil Nannitha** — *Louise Chircop, ill. Naomi Gatt (Faraxa Publishing)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ
**Ġganti** — *David Aloisio (Horizons)*

Xogħlijiet Maqluba għall-Malti għal Tfal ta' bejn 0–7 snin
**Kieku Armadillo Jmur f'Ristorant (Ellen Fischer, ill. Laura Wood)** — *trad. Janet Mallia (BDL Publishing)*
**Kieku Ljunfant Imur l-Iskola (Ellen Fischer, ill. Laura Wood)** — *trad. Janet Mallia (BDL Publishing)*
**Nitgħallem il-Ħin ma' Lupu Lupettu (Orianne Lallemand, ill. Éléonore Thuillier)** — *trad. Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*

Xogħlijiet Maqluba għall-Malti għal Tfal ta' bejn 8–12-il sena
**Il-Ġurnalista: L-Istorja ta' Daphne Caruana Galizia (Gattaldo)** — *trad. Immanuel Mifsud (Klabb Kotba Maltin)*
**Il-Ħbieb tal-Annimali: Taqsima Investigattiva: Il-Mohor Midrub (Juliette Parachini-Deny, Oliver Dupin, ill. Ariane Delrieu)** — *trad. Mark Vella (Merlin Publishers)*
**Il-Ħbieb tal-Annimali: Taqsima Investigattiva: Il-Panda Ċkejken Meħlus (Juliette Parachini-Deny u Oliver Dupin, ill. Ariane Delrieu)** — *trad. Mark Vella (Merlin Publishers)*
**Każ Miftuħ: Segwi l-Indizji! (Àngels Navarro, ill. Jordi Sunyer)** — *trad. Noel Tanti (Merlin Publishers)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ Tradotta
**Sherlock, Lupin u Jien: Il-Katidral tal-Biża' (Irene Adler, ill. Iacopo Bruno)** — *trad. Dwayne Ellul (Merlin Publishers)*

# Ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Marta Marta** — *Loranne Vella (Ede Books)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Tbajja' tax-Xemx u Stejjer Oħra għad-Dell**
— *Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Imbagħad il-Qiegħ** — *Murad Shubert (Klabb Kotba Maltin)*

Drama bil-Malti u bl-Ingliż
**Fil-Ħajja li Jmiss u Drammi Oħra tat-Triq**
— *Lon Kirkop (Merlin Publishers)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
*Il-premju ma ngħatax*

Traduzzjoni
**Mur Ġibek... Eżerċizzji ta' Tortura u Seduzzjoni (Irene Chias)** — *trad. Mark Vella (Horizons)*

Riċerka Ġenerali
**The Art of Dying Well: Visual Cultures in Times of Piety and Plague Malta 1675–1814**
— *Christian Attard (Kite Group)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Slavery, Treason and Blood: The 1749 Plot of the Slaves in Malta**
— *William Zammit (Heritage Malta Publishing)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
*Fondazzjoni Patrimonju Malti għal* **Society Fashion in Malta: The Portrait Photography of Leandro Preziosi 1830–1869**
— *Caroline Tonna*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
*Lon Kirkop*

Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura
*Daniel Massa*

---

# Ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka 2023

Xogħlijiet Oriġinali għal Tfal ta' bejn 0–7 snin
**Luċjan u Enzo: Is-Sriedak li Kienu Jgħiru għal Xulxin**
— *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras (BDL Publishing)*

Xogħlijiet Oriġinali għal Tfal ta' bejn 8-12-il sena
**Irvin Vella, Investigatur Virtwali: Il-Każ tal-Ħabsi Bla Ħtija**
— *John A. Bonello, ill. Francesca Grech (Merlin Publishers)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ
**Ġganti** — *David Aloisio (Horizons)*

Xogħlijiet Maqluba għall-Malti għal Tfal ta' bejn 0–7 snin
**Kieku Armadillo Jmur f'Ristorant (Ellen Fischer, ill. Laura Wood)**
— *trad. Janet Mallia (BDL Publishing)*

Xogħlijiet Maqluba għall-Malti għal Tfal ta' bejn 8–12-il sena
**Każ Miftuħ: Segwi l-Indizji! (Àngels Navarro, ill. Jordi Sunyer)**
— *trad. Noel Tanti (Merlin Publishers)*

Letteratura għaż-Żgħażagħ Tradotta
**Sherlock, Lupin u Jien: Il-Katidral tal-Biża' (Irene Adler, ill. Iacopo Bruno)**
— *trad. Dwayne Ellul (Merlin Publishers)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
*BDL Publishing għal* **Luċjan u Enzo: Is-Sriedak li Kienu Jgħiru għal Xulxin**
— *Maria Farrugia, ill. Louiselle Sciberras*

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-akbar avveniment kulturali f'Malta li għandu x'jaqsam mal-kotba u l-qari, u l-edizzjoni tal-2023 saret bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC), Ta' Qali. Il-Festival dis-sena laqa' 'l fuq minn 40 esebitur u offra programm ta' aktar minn 100 attività taħt it-tema ta' din l-edizzjoni, #kotbakitbauaktar, li alludiet għall-potenzjal bla qies tal-kelma miktuba.

Mifrux għal darb'oħra fuq it-8,000 metru kwadru ta' spazju li joffri l-MFCC, il-Festival kien organizzat f'għadd ta' zoni tematiċi, kull waħda ispirata mill-maskots simpatiċi li saħħew il-marketing u l-messaġġi ta' dan l-avveniment. Dawn kienu: Ray il-Qarrej, sajjied immaġinarju dejjem bi ktieb f'idejh (Is-Sala tal-Qarrejja, sponsorjata mill-Energy and Water Agency), Filip il-Kittieb, awtur mistur li jħobb jara l-kelma mibdula f'teatru (Is-Sala tal-Kittieba), Ċiċi l-Ispettatriċi, qattusa kurjuża li tagħżel xħin tara xow letterarju (Is-Sala fil-Pjazza), u Mia s-Semmiegħa, ħabbieba tal-mużika li taqbad tiżfen mal-istejjer (It-Teatru).

Fost il-ġimgħa filgħodu, il-festival laqa' fi ħdanu eluf ta' tfal tal-iskola li setgħu jgawdu minn xow teatrali mfassal apposta għalihom mid-drammaturga Simone Spiteri, rebbieħa ta' diversi premji. Il-KNK ippreżenta vawċer ta' €5 lill-istudenti reġistrati kollha, bl-għan li jsarrfuh għand l-esebituri tal-Festival waqt li jqallbu fil-kotba.

Dis-sena, il-KNK irfina l-mod kif qassam l-ispazju bejn l-esebituri u z-zoni komunali biex joħloq sens ta' komunità fil-qalba tal-Festival. Dan ġie rifless fit-tħejjija tas-swali għall-attivitajiet kif ukoll fil-kunċett ġdid tal-'Pjazza'.

Il-kollaborazzjoni mal-kumpanija Jacob's Brew, magħrufa għall-motto tagħha 'ħallas lil ta' warajk', kompliet trawwem atmosfera akkoljenti billi serviet xarbiet sħan mill-vann tagħha, li kien ipparkjat fil-Pjazza.

L-ispirtu olistiku tal-kelma miktuba kompla jissaħħaħ permezz tal-kollaborazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb mal-Kunsill Malti għall-Arti (ACM), li wasslet għat-tieni edizzjoni tal-esebizzjoni *From Illustration to Book*, ikkurata minn Dr Nikki Petroni. Waqt li terrqet lill-viżitaturi tul l-evoluzzjoni tal-illustrazzjoni kontemporanja Maltija, din l-edizzjoni xegħlet bozza fuq żewġ illustraturi prolifiċi: Ġorġ Mallia u Marisa Attard. L-esebizzjoni kellha installazzjoni li ċċelebrat karattri klassiċi u kontemporanji li ħallew marka fuq l-immaġinazzjoni letterarja kollettiva, kif ukoll wirja ta' selezzjoni mill-*Annwal tal-Illustrazzjoni 2023* tal-Malta Community of Illustrators (MCOI).

Il-kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti ssoktat bis-saħħa tal-Mural Interattiv. L-artisti tal-Mural, li ntgħażlu mill-MCOI permezz ta' sejħa, ħadu sehem f'sessjoni ta' tpinġija lajv immexxija minn Matthew Demarco mill-Bloom Creative/Maltatype. It-tema ewlenija kienet ispirata mill-potenzjal tal-illustrazzjoni li tintuża bħala għodda għall-bidla soċjali.

Il-KNK b'sodisfazzjoni laqa' wkoll il-wirja *Il-Malti: Il-Mixja sal-Għarfien Uffiċjali*, organizzata mill-Heritage Malta u l-Akkademja tal-Malti. Il-wirja rrakkuntat l-istorja tal-Ilsien Malti mill-għeruq Għarbin sal-istatus kurrenti tiegħu bħala lingwa uffiċjali tal-UE permezz ta' materjal informattiv akkumpanjat minn faksimili ta' kotba u dokumenti.

*Il-Festival dis-sena laqa' 'l fuq minn 40 esebitur u offra programm ta' aktar minn 100 attività taħt it-tema ta' din l-edizzjoni, #kotbakitbauaktar, li alludiet għall-potenzjal bla qies tal-kelma miktuba*



Xows teatrali għall-istudenti bbażati fuq kotba rebbieħa tal-Premju Terramaxka



L-aċċessibilità u l-inklużjoni jibqgħu importanti għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kamra Sensorja, ġestita mill-Fondazzjoni Inspire f'ħidma mal-Bank APS, ħolqot spazju ideali għal min qiegħed fuq l-ispettru tal-awtiżmu. Grazzi għall-istimulazzjoni baxxa tal-kamra, l-oġġetti bażiċi sensorjali, u r-riżorsi ideali għall-awtiżmu, il-Kamra Sensorja tat aċċess lil tfal fuq l-ispettru għall-qari tal-istejjer f'ambjent sikur u inklussiv. L-Energy and Water Agency organizzat sessjonijiet ta' qari u avvenimenti għall-viżitaturi ż-żgħar bl-għan li tqajjem kuxjenza dwar suġġetti importanti bħall-konservazzjoni tal-ilma u l-użu responsabbli tal-enerġija.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023 ipprovda ħarsa aktar dettaljata lill-viżitaturi fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' xogħol letterarju – mill-ippjanar u l-iżviluppar sal-bejgħ u l-ippubblikar ta' ktieb – permezz ta' sensiela dinamika t'attivitajiet, bil-parteċipazzjoni ta' mistiedna lokali u internazzjonali. Il-kittieba bestseller Irlandiża tal-pulizjesk Sam Blake mexxiet żewġ workshops dwar is-sengħa tal-kitba – wieħed immirat għal studenti tal-postsekondarja u ieħor iffukat fuq kif tikteb bestseller – filwaqt li l-aġent letterarju Simon Trewin tkellem dwar ir-realtajiet tal-industrija waqt masterclass, fejn xeħet dawl fuq kif il-kittieba Maltin jistgħu jsibu saqajhom fis-suq Ingliż u internazzjonali. Trewin immodera diskussjoni bejn Blake u l-awtriċi Maltija Leanne Ellul, fejn iż-żewġ kittieba tkellmu dwar il-proċess tal-kitba u s-sorsi t'ispirazzjoni tagħhom. L-editur u r-rumanzier Charlie Castelletti, Malti bbażat l-Ingilterra, uża l-esperjenza tiegħu bħala editur tal-kotba tat-tfal ma' Macmillan UK

biex jiddiskuti l-kitba għat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-fundaturi tad-dar tal-pubblikazzjoni Praspar Press, li tippubblika kitba kontemporanja Maltija bl-Ingliż jew tradotta għall-Ingliż, taw masterclass fuq l-editjar. U daċ-ċiklu letterarju ngħalaq minn Gutenberg Press b'seminar informattiv dwar il-proċess sħiħ fil-produzzjoni ta' ktieb, li ġab it-titlu ta' 'Kif Jinħadem Ktieb'.

Il-Festival ġibed udjenza aktar vasta permezz ta' sħubija ma' mistiedna magħrufa lil hinn mill-industrija tal-pubblikazzjoni. Teatru Malta kkollabora mal-KNK biex itella' *VII/Fidwa* – kunċert imżewwaq bil-mużika ta' The New Victorians ispirat minn *Sette* u *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, xows li l-biljetti għalihom kienu nbiegħu kollha. Jon Mallia, magħruf għall-poddati tiegħu, mexxa diskussjoni wiesgħa dwar l-istat kurrenti tal-letteratura Maltija u l-irwol tal-kittieb Malti fis-soċjetà kontemporanja. Fil-konverżazzjoni ma' Jon ħadu sehem xi awturi distinti Maltin pjuttost diversi: Trevor Żahra, Loranne Vella, Lon Kirkop, Nadia Mifsud u Aleks Farrugia.

Dejjem f'rabta mat-tema #kotbakitbauaktar, kif ukoll pari passu mal-ħidma tal-KNK matul dawn l-aħħar snin biex jippromwovi l-valur tal-letteratura Maltija lil hinn mill-ktieb, il-Festival tella' attivitatjiet relatati mal-films ispirati mill-kultura letterarja Maltija. Dawn jinkludu x-xandir ta' dokumentarju li jweġġaħ ix-xogħol tal-istoriku Prof. Henry Frendo (rebbieħ tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022), maħdum minn Blank Canvas Creatives u kkummissjonat mill-KNK.

Saret anke diskussjoni dwar l-adattament ċinematografiku tar-rumanz *Castillo* ta' Clare Azzopardi, fejn membri mit-tim tal-produzzjoni u l-attriċi prinċipali tħaddtu ma' Azzopardi dwar l-isfidi tal-adattament ta' dan ir-rumanz, peress li d-dar tal-produzzjoni Take Two kienet diġà adattatu għall-palk fl-2022.

Il-lat internazzjonali tal-Festival ma kienx limitat biss għall-parteċipazzjoni tal-mistiedna speċjali. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ta' Ġibiltà pparteċipa f'konverżazzjoni pubblika mar-rappreżentanti tal-kontraparti Maltija, fejn iż-żewġ entitajiet ikkumparaw u kkuntrastaw l-ekoloġiji letterarji rispettivi u esploraw possibiltajiet ta' kollaborazzjoni għall-futur.

Il-Festival kien imżewwaq dejjem aktar permezz tas-sehem rikorrenti t'entitajiet bħall-Istitut Kulturali Taljan, l-Ambaxxata Franċiża/l-Alliance Française u x-Xirka Ġermaniża-Maltija/id-Dipartiment tal-Ġermaniż fl-Università ta' Malta, li assiguraw il-parteċipazzjoni tal-komunità rikka t'espatrijati f'Malta.

Bix-xieraq li nsemmu l-entitajiet u l-individwi diversi li kkollaboraw mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb jibqa' mmarkat fil-kalendarju kulturali Malti: in-numru sabiħ t'esebituri, il-kollaborazzjonijiet li ssemmew diġà fosthom mal-Fondazzjoni Inspire, il-Kunsill Malti għall-Arti, Teatru Malta, u l-Energy and Water Agency, kif ukoll l-illustratriċi Moira Scicluna Zahra u d-disinjatriċi grafika Sarah Cachia Falzon, li ħolqu l-maskots ta' dis-sena, flimkien ma' Kyle Gauci Cunningham li ta l-ħajja lill-karattri permezz t'animazzjoni mill-isbaħ. Il-Festival ma setax iseħħ mingħajr il-ħidma bla waqfien tat-tim tekniku u l-ħaddiema tal-MFCC u ta' Zaffarese Ltd. Biex ma nsemmux l-eluf ta' viżitaturi li sebbħu l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb dis-sena bl-attendenza tagħhom.




Il-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, illustrat minn Moira Scicluna Zahra u ddisinjat minn Sarah Cachia Falzon



Aktar minn 6,000 student żaru l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023 fi tlett ijiem




Skambju bejn l-awturi Sam Blake u Leanne Ellul immoderat mill-aġent letterarju Simon Trewin

## Il-lista tal-esebituri

4sight Publications
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
Agenda Bookshop | Miller Distributors Ltd.
Ahmadiyya Muslim Jamaat
Arts Council Malta
BDL
Bonfirraro Editore
Bookends
Deer Publications
Ede Books | Kixott
Faraxa Publishing
Fondazzjoni Saghtar
The French Embassy | Alliance Française | Lireka
ĠEMMA
German-Maltese Circle | Dept. of German, UM
Għaqda tal-Malti – Università
Heritage Malta
Horizons
Inanna Publishers
Istituto Italiano di Cultura
Jens C. Büdinger
Joseph P. Smith Photographer
Kite Group
Kotba Calleja
Librerija Preca
The Little Island that Was – Lara Bezzina
Mallia & D'Amato Booksellers
Malta Libraries
Martin Baron
Meli Bookshop
Mellieħa Local Council
Merlin Library
Midsea Books | Klabb Kotba Maltin
Ministry for Inclusion, Voluntary Organisations and Consumer Rights
The National Archives of Malta
Pandora Books
Ricky Caruana
Service Dogs Malta Foundation
SKS Publishers
UXBT Ltd
Wirt iż-Żejtun
Wikimedia Community
Wise Owl Publications

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*

Fit-tmien edizzjoni tiegħu, il-Fond Malti tal-Ktieb 2023 kellu l-allokazzjoni totali ta' €120,000 mifruxa fuq erba' kategoriji prinċipali: Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda, bis-somma ta' €50,000; Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa, bis-somma ta' €10,000; Għotjiet għat-Traduzzjoni (maqsuma f'żewġ kategoriji: Traduzzjoni ta' Kotba Maltin, bis-somma ta' €40,000, u Traduzzjoni ta' Kotba għall-Malti, bis-somma ta' €15,000); u Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch, bis-somma ta' €5,000.

Is-sejħa pubblika għall-Fond Malti tal-Ktieb 2023 infetħet fl-10 ta' April u sal-5 ta' Ġunju, id-data ta' skadenza, intlaqgħu 70 sottomissjoni eliġibbli mifruxa fuq il-kategoriji kollha. Wara li l-proġetti kollha mressqa ġew iċċekkjati għall-eliġibbiltà, il-kompletezza, il-budget, il-fattibbiltà u l-mertu kulturali, 26 proġett ingħataw finanzjament sħiħ jew parzjali minn bord indipendenti maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan il-bord kien magħmul minn Keith Borg, George Cassar, Sephora Francalanza u Karsten Xuereb.

Il-KNK ilu jiżviluppa dan il-Fond sa mill-2015 ħalli jrawwem tkabbir kulturali fis-suq tal-ktieb lokali, bl-għan li jagħmel tajjeb għall-effetti tad-daqs relattivament żgħir tal-istess suq, li jaffettwa serjament il-kapital disponibbli għal pubblikazzjonijiet ta' kwalità, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-traduzzjoni u l-marketing. Il-Fond Malti tal-Ktieb huwa parti mill-viżjoni tal-KNK biex jieħu l-irwol ta' aġent kulturali fi ħdan is-soċjetà u jsir kontributur proattiv u progressiv lejn l-iżvilupp kulturali, edukattiv u intellettwali tas-soċjetà tagħna.

Il-Fond Malti tal-Ktieb jinkoraġġixxi awturi, tradutturi u pubblikaturi biex jagħmlu realtà l-proġetti tagħhom minkejja n-nuqqas ta'







Xi kotba ppubblikati fl-2023 li ħadu l-Fond Malti tal-Ktieb

vijabilità kummerċjali, kif ukoll isaħħaħ il-kunfidenza f'inizjattivi bħal dawn biex jassigura li dawn iseħħu. Bis-saħħa tal-Fond, jitwieżnu awturi, tradutturi u pubblikaturi lokali li li kieku jkollhom iċekknu l-proġetti aktar ambizzjużi tagħhom.

L-għotjiet kollha li jingħataw jistgħu jitilgħu sa 100% tal-ispejjeż tal-proġett propost u massimu ta' €5,000, b'eċċezzjoni għall-Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch li għandhom massimu ta' €500 għal kull proposta. Sabiex il-Fond jassigura li jwieżen kemm jista' jkun proġetti meritevoli, u biex juża l-fond kollu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriżerva d-dritt li juża fondi mhux użati f'kategorija għal kategorija oħra.

Il-benefiċjarji tal-fond għandhom 18-il xahar minn meta jiffirmaw il-kuntratt biex ilestu l-proġett. L-amministraturi tal-fond tal-KNK se jkunu qed isegwu l-progress tal-proposti biex jassiguraw li jitlestew.

# Il-proġetti megħjuna mill-Fond Malti tal-Ktieb 2023

| **Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| *Ktieb tal-etikett u l-manjieri tajba* | Elaine Germani | €5,000 |
| Dù Theatre jiċċelebraw 20 sena mit-twaqqif tagħhom fl-2024. Il-kumpanija se ddomm fi ktieb il-vjaġġ tagħha tul dawn is-snin, li fihom ipproduċiet teatru ġdid u awdaċi li biddel ix-xefaq teatrali lokali. | Simone Spiteri | €4,075 |
| *Music printing by the Brocktorff Lithographers* | Anna Borg Cardona | €5,000 |
| *Qarn* – ktieb ta' tifkiriet awtobijografiċi ta' madwar 50,000 kelma dwar it-tranżizzjoni tal-awtur fil-post li fih iħossu d-dar – Malta – u bl-ilsien li jħossu tiegħu – il-Malti – li se jiffoka fuq id-diskors u l-fasla tad-dinja trans. | Romeo Roxman Gatt | €5,000 |
| Fejn Tmur il-Qalb – Monsinjur Victor Grech. Riflessjonijiet dwar temi temi attwali minnu, eżerċizzji spiritwali, kummenti dwaru minn residenti li rritornaw b'dinjità lura fis-soċjetà. | Anthony Gatt | €5,000 |
| *Floriana - Celebrating 300 Years (1724–2024) of Existence* | Stephen Tonna | €5,000 |
| *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna* huwa r-rumanz ġdid ta' Tyrone Grima. Ix-xogħol jaqa' taħt il-ġeneru ta' letteratura queer fejn il-protagonist tar-rumanz jgħix is-saga tal-membri tal-familja tiegħu f'kuntest storiku Malti mibdul b'elementi ta' fantaxjenza. | Tyrone Grima | €5,000 |
| *Mogħdijiet – Ħajti fil-Ġurnaliżmu, fir-Raħal li Darba Kien, u Malta li Baqgħet Tinbidel*, awtobijografija tal-awtur li tiftaħ tieqa fuq il-ħajja mis-snin 60 'il quddiem. | John Inguanez | €4,570 |
| Il-pubblikazzjoni tal-iskript ta' *It-Teatru tal-Miskin*, musical li ttella' fl-2022. Dramm dwar l-intolleranza ispirat mill-istorja u diffikultajiet tal-kumunità LGBTIQ+ f'Malta. | Luke Saydon | €4,690 |
| *Health, Disease and Society in Early Modern Malta* | Carmel Cassar | €5,000 |
| *Mediterranean Modern Art: An Alternative* – analiżi tal-arti moderna mir-reġjun Mediterranju, minn Giuseppe Schembri Bonaci | Nicola Ann Petroni | €3,169.5 *(parzjali)* |

*Xi fondi li ma kinux użati f'kategoriji oħrajn ġew trasferiti f'din.*

| **Għotjiet għal Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| *Minn Xtut in-Nil* – antoloġija ta' novelli ta' emigranti Maltin fl-Eġittu, maħruġa fl-1937 | Joseph Borg SKS Publishers | €5,000 |
| Dan il-proġett beħsiebu jippubblika mill-ġdid ix-xogħol letterarju *Tejbilhom Ħajjithom* tal-awtur John F. Marks. | L-Għaqda tal-Malti - Klabb Kotba Maltin | €5,000 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni** *Kat. 1 – Traduzzjoni ta' Kotba Maltin* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Traduzzjoni għall-Ingliż minn Miriam Calleja ta' *Varjazzjonijiet tas-Skiet* | Nadia Mifsud | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Ingliż ta' *Rokit* ta' Loranne Vella, rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb | Katryna Storace | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Albaniż u l-pubblikazzjoni ta' *Fid-Dlam tal-Lejl Ħarisna* ta' Immanuel Mifsud bħala *Sleep Now, O Sleep Now* | Gezim Tafa | €4,828 |
| Traduzzjoni għat-Taljan ta' *Klin u Kapriċċi Oħra*. | Adrian Grima | €4,998 |
| Traduzzjoni u pubblikazzjoni fl-Ingliż ta' *L-Antoloġija tal-Letteratura Mqarba* | Mark Camilleri | €5,000 |
| Traduzzjoni għas-Serb ta' *Papa Aħmed* ta' Joe Pace, billi tintuża l-verżjoni Ingliża bħala pont | Dejan Matic | €5,000 |
| Traduzzjoni għat-Taljan tal-ktieb *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* minn Virginia Monteforte | Leanne Ellul | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Armen u l-pubblikazzjoni ta' *Having Said Goodbye* ta' Pierre J. Mejlak | Hrant Aleksanyan | €5,000 |

| **Għotijiet għat-Traduzzjoni** *Kat. 2 - Traduzzjonijiet għall-Malti* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Traduzzjoni għall-Malti ta' *L'Événement* (2000) ta' Annie Ernaux | Claudine Borg | €5,000 |
| *Luċjanu: L-Istorja Vera* – traduzzjoni mill-Grieg ta' rumanz satiriku-fantaxjentifiku tat-tieni seklu W.K. | Carmel Serracino | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Malti ta' *La Peste* ta' Albert Camus | Anthony (Toni) Aquilina | €5,000 |
| *Disa' Opri* – Kullana ta' disa' libretti operistiċi tradotti għall-Malti mill-oriġinal: għażla ta' disa' fost l-iktar opri popolari li qatt inkitbu | Albert Marshall | €3,169.5 *(parzjali)* |

*Xi fondi li ma kinux użati f'kategoriji oħrajn ġew trasferiti f'din.*

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Partijiet mill-ġabra *L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla* jiġu tradotti għall-Ingliż | Leanne Ellul | € 500 |

# *Xogħol fuq Barra u Esportazzjoni Letterarja*

Aspett importanti minn xogħol il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-ivvjaġġar tal-letteratura Maltija bis-saħħa tat-traduzzjoni. L-iffaċilitar tal-pubblikazzjoni ta' letteratura Maltija barra minn xtutna jifforma parti mill-missjoni tal-KNK li jpoġġi lill-industrija lokali tal-pubblikazzjoni fuq il-mappa internazzjonali. L-għan huwa li professjonisti fil-qasam tal-pubblikazzjoni jitfgħu għajnejhom fuq ix-xena lokali, biex b'hekk tiżdied il-viżibbiltà tas-suq lokali u l-professjonisti, u dan imbagħad jgħin biex id-dħul għall-pubblikaturi, l-awturi u t-tradutturi Maltin jiżdied. B'riħet il-promozzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb fi mkejjen internazzjonali tal-pubblikazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iħabrek qatigħ sabiex jissapportja l-imsieħba lokali sabiex jgħinu lill-awturi u l-pubblikaturi lokali ħalli jsaħħu l-kuntatti tagħhom ma' barra, u dan bħala punt ta' referenza strateġiku dwar dan l-aspett vitali għall-industrija tal-ktieb.

Xogħol il-KNK mhuwiex relatat biss mal-iffinanzjar dirett jew ma' ftehimiet ma' pubblikaturi u tradutturi barranin. Matul is-sena, il-Kunsill jipprovdi gwida lil awturi, imsieħba u entitajiet sabiex dawn iħarsu 'l hinn u jippubblikaw il-letteratura Maltija barra. Minkejja dan kollu, il-KNK jifhem li għad hemm ħafna xogħol xi jsir sabiex eventwalment titwaqqaf aġenzija letterarja li tagħmel dax-xogħol u infrastruttura li tweżinha.

## Il-London Book Fair

Il-London International Book Fair issir kull sena fl-Olympia, Kensington, u tlaqqa' taħt saqaf wieħed numru kbir ta' pubblikaturi żgħar u kbar, aġenti, professjonisti fl-industrija u negozjaturi tad-drittijiet tal-awtur, kif ukoll lill-pubbliku ġenerali. Il-KNK iqis dan l-avveniment bħala appuntament annwali importanti għall-promozzjoni tal-letteratura Maltija lil hinn minn

L-istand tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fil-London Book Fair 2023



*Aspett importanti minn xogħol il-KNK huwa l-ivvjaġġar tal-letteratura Maltija bis-saħħa tat-traduzzjoni*

xtutna. Bejn it-18 u l-20 ta' April 2023 numru ta' kotba – fosthom rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – kienu esebiti fl-istand tal-KNK kemm bl-ilsien oriġinali u anki fil-verżjonijiet tradotti, bi wħud minn dal-kotba mwettqa frott il-Fond Malti tal-Ktieb.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bi kburija nieda l-inizjattiva tal-London Book Fair 2023 għall-pubblikaturi u l-awturi minn Malta, li fiha l-parteċipanti magħżula rċevew sussidju għas-safar u l-akkomodazzjoni biex iżuru l-London Book Fair 2023. Bħala rikonoxximent tad-diffikultajiet li jaffaċċjaw il-pubblikaturi u l-awturi Maltin waqt li jinnavigaw is-suq internazzjonali tal-pubblikazzjoni, l-għan aħħari ta' din l-inizjattiva kien li l-KNK jiffaċilita l-preżenza tal-professjonisti Maltin waqt dan l-avveniment, u allura jgħin indirettament sabiex isiru kuntatti importanti li jaf jirriżultaw f'aktar dħul għall-industrija lokali. L-aġent letterarju veteran Simon Trewin, li f'ħajtu ħadem ma' awturi internazzjonali ta' kotba bestsellers, films, teatru u midja diġitali u issa ilu jikkollabora mal-KNK għal dawn l-aħħar sentejn, mexa mal-awturi u l-pubblikaturi magħżula bħala parteċipanti f'din l-inizjattiva sabiex jipprovdilhom opportunatijiet ta' networking u pjattaforma għas-suq globali tal-kotba, kemm fit-tul u anki f'qosor iż-żmien.

Għall-2023, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kellu skeda mimlija ta' laqgħat waħda wara l-oħra ma' msieħba internazzjonali, edituri, pubblikaturi, istituzzjonijiet barranin u aġenti letterarji sabiex jippromwovi l-letteratura Maltija. Bis-saħħa ta' dal-laqgħat, il-KNK nieda kollaborazzjoni ġdida mal-Fondazzjoni tal-Commonwealth, li

Il-Wirja tal-Illustraturi fil-London Book Fair 2023, b'xogħol ta' illustraturi Maltin




tfisser li issa awturi Maltin jistgħu jipparteċipaw fil-Premju tal-Commonwealth għan-Novelli bi stejjer miktuba bil-Malti wkoll apparti bl-Ingliż. Grazzi għal din il-kollaborazzjoni, din is-sena novelli bil-Malti ġew sottomessi għall-ewwel darba. Dal-premju jingħata lill-aħjar biċċa fittizja qasira (2,000–2,500 kelma) mhux ippubblikata. Il-ħames rebbieħa reġjonali jingħataw £2,500 u r-rebbieħ fuq kulħadd £5,000. It-tradutturi tal-istejjer rebbieħa reġjonali jingħataw £1,000 u t-traduttur tal-istorja tar-rebbieħ fuq kulħadd jingħata £2,000, dejjem jekk l-istorja kienet ġiet sottomessa bħala xogħol tradott. Il-ħames rebbieħa reġjonali jkunu ppubblikati online mir-rivista letterarja *Granta* u f'edizzjoni speċjali mitbugħa minn Paper + Ink. L-istejjer finalisti jkunu ppubblikati fuq ir-rivista letterarja online tal-Fondazzjoni, *adda*. Sabiex inħabbru l-kollaborazzjoni, il-KNK laqa' lid-Deputat Direttur Ġenerali Shem Ochola waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, li qal kelmtejn dwar il-Premju tal-Commonwealth għan-Novelli u s-sottomissjonijiet minn Malta,

u lill-kittieba Ċiprijotta Constantia Soteriou, li rebħet il-premju fl-2019. Soteriou ġiet intervistata minn Elena Cardona waqt attività organizzata għaliha.

Kollaborazzjoni oħra minn Londra li ssarrfet f'suċċess kienet il-pubblikazzjoni ta' sezzjoni ddedikata lill-poeżija minn Malta fir-rivista letterarja magħrufa *Modern Poetry in Translation* (MPT). Din l-organizzazzjoni hija bbażata fir-Renju Unit, u twaqqfet minn Ted Hughes u Daniel Weissbort fl-1965. Fl-ewwel ġimgħa ta' Frar ħarġet sejħa miftuħa għal sottomissjonijiet ta' poeżiji tradotti fl-Ingliż jew bl-Ingliż sabiex dawn jidhru fir-rivista. Din kienet opportunità tad-deheb sabiex il-poeżija minn Malta tinqara fuq livell internazzjonali. Barra minn poeżija, ir-rivista kellha esej ta' Adrian Grima li tat kuntest tal-poeżija Maltija għall-qarrejja fis-suq Ingliż.

## Ħidma lejn it-twaqqif ta' aġenzija letterarja u tad-drittijiet barranin f'Malta

Fl-2023 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kompla jiddiskuti interess li beda s-sena ta' qabel, jiġifieri dak tal-irwol ta' aġenzija letterarja f'Malta. Flimkien mal-aġent letterarju Simon Trewin ngħatat taħdita lill-professjonisti Maltin waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, li fiha Trewin ta informazzjoni dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni fir-Renju Unit kif ukoll dwar is-suq internazzjonali. Qasam ukoll ħsibijietu dwar l-irwol tal-aġent sabiex jagħmel l-aħjar mill-potenzjal tal-awtur, kemm kreattivament iżda anki mill-perspettiva ta' negozju. Il-KNK kommess li jkompli jiddiskuti t-tema fil-London Book Fair 2024 u f'fori oħrajn, fosthom waqt il-laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-awturi u l-pubblikaturi li se tiffoka wkoll fuq il-kuntrattwalizzazzjoni u d-drittijiet meta jkun ippubblikat xogħol Malti fi traduzzjoni.

## Pubblikazzjonijiet ġodda mwieżna mill-KNK

It-tielet edizzjoni tal-antoloġija *Scintillas: New Maltese Writing* tnediet waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023. *Scintillas 3* kien ippubblikat minn Praspar Press, li hija dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Londra u li l-KNK ilu jikkollabora magħha għal dawn l-aħħar snin. L-antoloġija tinkludi proża, poeżija u letteratura mhux fittizja minn Malta, bl-Ingliż jew tradotti għall-Ingliż, u tkun editjata minn Jen Calleja u Kat Storace. Flimkien maż-żewġ edizzjonijiet ta' qabilha, it-tielet waħda kompliet toffri ħarsa aktar varjata lejn il-letteratura Maltija bl-inklużjoni ta' awturi ġodda ħdejn dawk stabbiliti. Dawn it-tip ta' pubblikazzjonijiet indipendenti li l-KNK iwieżen tul is-sena jżidu mal-promozzjoni tal-letteratura lil hinn minn xtutna, u jassiguraw li din tidher fuq l-ixkafef tal-ħwienet tal-kotba fir-Renju Unit, saħansitra fil-London Review of Books. Mindu twaqqfet fl-2020, Praspar Press għanew konsiderevolment il-perċezzjoni tal-letteratura Maltija barra. Il-ħeġġa ma tiqafx li għandhom il-fundaturi tal-kumpanija għal-letteratura Maltija ma tidhirx biss mill-promozzjoni tagħha f'suq diffiċli bħal dak Ingliż, iżda anki mis-sapport lejn il-komunità lokali. Bħala parti mill-ftehim tagħhom mal-KNK, Praspar Press jagħtu workshop fuq l-editjar u l-pubblikazzjoni waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Jaqdu wkoll irwol ta' aġenti billi jiffaċilitaw laqgħat ma' kollaboraturi potenzjali bis-saħħa tal-konnessjonijiet professjonali li għandhom.

Dax-xogħol huwa rifless tad-dedikazzjoni li għandu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex jgħin lil-letteratura Maltija tikber billi tifrex għeruqha fix-xefaq letterarju internazzjonali permezz ta' kollaborazzjonijiet strateġiċi.

## Skambju kulturali bejn Malta u ċ-Ċina

Bis-saħħa ta' skambju letterarju bejn Malta u ċ-Ċina, iffaċilitat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, ir-rumanz ta' Lou Drofenik *The Confectioner's Daughter* – rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb – ġie tradott fiċ-Ċiniż u ppubblikat Shanghai minn Archipel Press.

*Scintillas: New Maltese Writing 3*, ippubblikat minn Praspar Press




Il-ħarġa Maltija ta' *Modern Poetry in Translation*





It-tnedija tal-ktieb *Għoljet il-Qasab* (tradott minn Stephen Cachia) fiċ-Ċentru Kulturali taċ-Ċina, il-Belt Valletta



L-awtriċi Ċiprijotta Constantia Soteriou waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023

Min-naħa ta' Malta, ġie tradott għall-Malti minn Stephen Cachia r-rumanz għaż-żgħażagħ ta' Yin Jian Ling *Wild Grass Slope*, ippubblikat bħala *Għoljet il-Qasab* minn Faraxa Publishing. It-tnedija ta' *Għoljet il-Qasab* saret f'Ġunju, fiċ-Ċentru Kulturali Ċiniż il-Belt Valletta. Waqt l-avveniment, sar qari minn Patrick Sammut u diskussjoni bejn Anthony Aquilina u Stephen Cachia dwar aspetti varji tat-traduzzjoni u d-differenzi kulturali li influwenzaw it-traġitt tat-traduttur. L-awtriċi Yin Jian Ling ingħaqdet virtwalment, u esprimiet il-ħajr tagħha għal dil-kollaborazzjoni, li fissret ukoll l-ewwel rumanz għaż-żgħażagħ miċ-Ċina miġjub għall-ilsien Malti. Waqt l-avveniment, id-Direttriċi taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż is-Sa Yuan Yuan irringrazzjat lill-partijiet involuti f'dil-kollaborazzjoni bilaterali li laqqgħet liċ-ċrieki letterarji taż-żewġ pajjiżi flimkien u saħħet il-fehim bejniethom.

Il-verżjoni Maltija ta' *Għoljet il-Qasab* ta' Yin Jian Ling







L-edizzjoni Ċiniża ta' *The Confectioner's Daughter* ta' Lou Drofenik

Biex ikompli jibni fuq skambji kulturali bħal dawn, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb beħsiebu jkompli jesplora ftehimiet simili ma' pajjiżi oħrajn bil-għan li jifrex il-fehim u l-apprezzament kulturali ma' nazzjonijiet differenti filwaqt li jsaħħaħ post il-letteratura Maltija fuq livell internazzjonali.

## Ħidma fuq it-traduzzjoni ta' Dun Karm għaċ-Ċiniż

Wara riċerka estensiva fuq ir-ritmi tonali tal-poeżija pentasillabika u ettasillabika Ċiniża, li bħala mudelli ntgħażlu għat-traduzzjonijiet tal-poeżiji ta' Dun Karm għaċ-Ċiniż, matul l-2023 tkompla l-proċess ta' traduzzjoni skont dawn l-istili preċiżi u r-riċerka marbuta magħhom. Għalkemm il-biċċa l-kbira tax-xogħol tat-traduzzjoni u tal-kummentarju tal-poeżiji huwa lest, għad hemm xi poeżiji li jeħtieġu ftit reviżjoni u editjar tal-aħħar qabel ma titressaq il-verżjoni finali tal-proġett. Inkluż f'dan l-istadju għaddej ukoll proċess ta' ritraduzzjoni (back-translation) sabiex tiġi assigurata l-akkuratezza kuntestwali fit-tifsira u fil-poeżija, u mhux fl-istil u fl-istruttura biss. Dan il-proġett jinsab fi stadju avvanzat u wasal biex jitlesta fix-xhur li ġejjin.

# *Produzzjonijiet Awdjoviżivi*



Matul is-sena 2023, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kompla bil-promozzjoni tal-letteratura Maltija, l-awturi, l-illustraturi u l-pubblikaturi lokali lil udjenzi usa', billi investa f'għadd ta' produzzjonijiet awdjoviżivi u permezz ta' kollaborazzjonijiet ma' msieħba fil-qasam tal-midja u l-kampanji promozzjonali.

Dawn jinkludu poddati awdjoviżivi, siltiet animati minn kotba, dokumentarji, u l-ġbid ta' attivitajiet waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li kollha kemm huma mbagħad disponibbli fuq is-sit, il-YouTube u l-pjattaformi soċjali tal-KNK. Kien hemm produzzjoni oħra, il-Lovin Book Reviews, li saret ma' Lovin Malta fl-aħħar snin u dis-sena ġiet ixxerjata mal-udjenza żagħżugħa bis-saħħa tal-pjattaforma ġdida tal-KNK fuq TikTok.

Komplejna nsegwu l-iżvilupp tal-proġett megħjun mill-Fond għall-Adattament Ċinematografiku, li fih Take Two ngħataw €200,000 sabiex jadattaw f'film ir-rumanz ta' Clare Azzopardi, *Castillo* (Merlin Publishers, 2018). Il-film mistenni jintwera fiċ-ċinema fl-2024, iżda waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb intweriet silta promozzjonali minnu u wara kien hemm diskussjoni.

## Is-sensiela tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ipproduċa tmintax-il silta animata tar-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022 b'kollaborazzjoni ma' Concept Stadium li ċċelebrat ukoll lill-awturi. Dawn kienu ppubblikati fuq il-pjattaformi soċjali tal-KNK. L-episodji kollha tas-sensiela *Read. Learn. Repeat.* dehru wkoll fuq programmi popolari differenti fuq it-TVM bħala parti minn intervisti itwal mal-awturi tal-kotba rebbieħa.

Waqt attività li ttellgħet fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, il-KNK wera għall-ewwel darba




L-addattament ċinematografiku ta' *Castillo* ta' Clare Azzopardi: wara l-kwinti ma' Take Two

*Il-KNK kompla bil-promozzjoni tal-letteratura Maltija, l-awturi, l-illustraturi u l-pubblikaturi lokali lil udjenzi usa', billi investa f'għadd ta' produzzjonijiet awdjoviżivi*



dokumentarju qasir dwar il-Professur Henry Frendo, bi produzzjoni ta' Blank Canvas. Id-dokumentarju sar sabiex jiċċelebra l-ħajja akkademika ta' Prof. Frendo fl-okkażjoni tar-rebħ tiegħu tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura 2022, u ffoka fuq il-kontribuzzjonijiet tiegħu fid-dokumentazzjoni storika u l-analiżi tal-qagħda ġeopolitika ta' Malta, speċjalment fil-kuntest ta' kolonja Brittanika. Id-diskussjoni tmexxiet minn Mario Xuereb, u pparteċipaw Prof. Frendo, Prof. Vicki Ann Cremona, u d-direttur tad-dokumentarju Anthony Mizzi.



Id-dokumentarju dwar Prof. Henry Frendo: wara l-kwinti ma' Blank Canvas

## *Markapaġna*

Minn Jannar sa April tal-2023, il-KNK xandar it-tieni staġun mis-sensiela ta' poddati letterarji *Markapaġna*. Dawn l-għaxar poddati awdjoviżivi ttellgħu b'ħidma ma' *MaltaToday*, u kienu ppreżentati minn Rachel Baldacchino. Kull poddata kellha bħala mistieden awtur jew riċerkatur attiv fid-dinja tal-pubblikazzjoni u anki lil hinn minnha. L-ewwel staġun ta' *Markapaġna* tnieda f'Settembru tal-2022, u dakinhar Luke Galea mexxa għaxar poddati ma' awturi lokali, li magħhom tkellem dwar il-kotba tagħhom iżda anki dwar kotba li kienu sinjifikanti għalihom. L-episodji kollha kienu ppubblikati fuq il-YouTube, Facebook u s-sit tal-KNK, kif ukoll online fuq *MaltaToday*. Jinsabu wkoll bħala awdjo fuq Spotify u Apple Podcasts.

Rachel Baldacchino u Loranne Vella waqt diskussjoni fuq episodju ta' *Markapaġna*



# *Konkorsi Letterarji*





## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef, li jittella' ta' kull sena mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, jippremja l-aħjar poeżija miktuba bil-Malti mressqa anononimament lill-aġġudikaturi permezz ta' sejħa. Il-ħames edizzjoni ta' dan il-konkors infetħet f'Ġunju tal-2023 b'sejħa għal poeżija oriġinali bil-Malti. Is-sejħa speċifikat li l-parteċipanti prospettivi setgħu jissottomettu poeżija waħda biss ta' mhux aktar minn 36 vers li qatt ma ġiet ippubblikata u permezz ta' psewdonimu biex b'hekk ġiet aċċertata evalwazzjoni anonima.

Fl-2023, is-sejħa twieġbet minn poeti fil-bidu tal-karriera tagħhom kif ukoll veterani: 67 parteċipant b'kollox. Dan hu xhieda tal-prestiġju ta' dan il-konkors li kulma jmur dejjem jikber. Ir-rebbieħa tħabbru nhar il-Ġimgħa 20 t'Ottubru waqt ċerimonja tal-premjijiet fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb tal-2023. Waqt id-diskors tiegħu, il-Kap Eżekuttiv Mark Camilleri osserva li l-punti għoljin tal-ewwel 12-il parteċipant, li kklassifikaw viċin, jagħtu ħjiel lejn "qawmien mill-ġdid" tal-poeżija Maltija u jixhdu wkoll in-natura ferm kompettitiva ta' dan il-konkors.

Glen Calleja kiseb it-tielet post bil-poeżija 'RSVP' filwaqt li Claudia Gauci kisbet it-tieni post bil-poeżija 'Penthos'. Leanne Ellul rebħet l-ewwel post bil-poeżija 'ix-xnigħat ta' xmux u dwalijiet għammiexa'.

Għal din l-edizzjoni l-ġurija magħżula mill-KNK kienet magħmula minn Caldon Mercieca, Justine Somerville u Irene Mangion. L-evalwazzjoni saret fuq ħames kriterji: l-oriġinalità, it-teknika, il-forma, l-għażla tal-kliem u l-impressjoni tal-qarrejja. L-aġġudikanti ddeskrivew il-poeżija rebbieħa bħala waħda friska fejn tidħol il-forma, li tagħraf issib is-sabiħ fit-tkissir u l-qerda, u li għandha struttura li tevoka s-sens oppost, dak ta' frammentazzjoni u nuqqas ta' armonija. Din l-istruttura taqbel perfettament mal-vena fatalistika u ċinika tax-xogħol.

Is-sejħa għat-tressiq ta' poeżiji oriġinali bil-Malti għall-edizzjoni li jmiss tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef se tinfetaħ f'Ġunju tal-2024.

## Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ

Wara li kien tħabbar waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022 li l-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ kien se jingħata bidla kif suppost wara sentejn wieqaf, l-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb nedew l-edizzjoni tal-2023 waqt konferenza stampa.

Dal-konkors annwali jittella' sabiex jikkontribwixxi fil-ħolqien ta' letteratura għaż-żgħażagħ ta' kwalità u innovattiva, u li tkun immirata għal persuni ta' bejn it-13 u t-18-il sena. Il-manuskritt rebbieħ għandu jgħarrex temi li ż-żgħażagħ jirrelataw magħhom u jfannad fi sfidi li ż-żgħażagħ jesperjenzaw, dejjem billi jevita ton moraleġġjanti jew didattiku. Is-sħubija bejn l-Aġenzija Żgħażagħ u l-KNK twieżen ukoll il-pubblikazzjoni tal-manuskritt f'dal-ġeneru, u b'hekk tgħin anki fil-viżibbiltà fis-suq lokali. Barra minn hekk, il-konkors jara li jrawwem kultura ta' qari fiż-żgħażagħ.

*Il-KNK itella' żewġ kompetizzjonijiet annwali li jiġbdu kontribuzzjonijiet ta' valur fil-poeżija Maltija u l-letteratura għaż-żgħażagħ*






Ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2023: Claudia Gauci, Leanne Ellul u Glen Calleja

Il-parteċipazzjoni fil-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ miftuħa għal dawk li għandhom 20 sena jew aktar, b'manuskritt bil-Malti u bil-firma ta' psewdonimu. Il-manuskritt eliġibbli jrid ikun immirat għaż-żgħażagħ, itul bejn 20,000 u 25,000 kelma, u jkun akkumpanjat minn taqsira tal-ktieb ta' 500 kelma. L-awtur rebbieħ jingħata l-premju ta' €1,000, ċertifikat u trofew. Barra minn hekk, il-manuskritt rebbieħ ikun ippubblikat minn pubblikatur magħżul mill-awtur rebbieħ. Il-pubblikatur jingħata €3,000 għall-pubblikazzjoni tar-rumanz rebbieħ.

Is-sottomissjonijiet ikunu aġġudikati minn bord ta' aġġudikanti indipendenti maħtura mill-KNK, li jħarsu lejn erba' kriterji ewlenin: il-plot u l-iżvilupp tal-karattri, l-oriġinalità, il-lingwaġġ, u l-kwalità. Fl-ewwel fażi, l-aġġudikanti jaqraw individwalment kull manuskritt, imbagħad ikun hemm diskussjoni mmoderata minn min jimmaniġġja l-proġett fi ħdan il-KNK. Wara dan kollu, l-aġġudikanti jippreparaw rapport komprensiv u kostruttiv dwar il-manuskritti.

Is-sejħa għas-sottomissjonijiet għall-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ 2023 ħarġet f'Jannar, u b'kollox iddaħħlu ħames manuskritti. Il-manuskritt rebbieħ jitħabbar f'ċerimonja speċjali f'Jannar li ġej, li fiha wkoll titnieda l-edizzjoni tal-2024.

Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ reġa' tnieda fl-2023

**Il-Konkors ta' Letteratura għaż-Żgħażagħ**
The Novels for Youth Literary Contest
Sejħa għas-Sottomissjonijiet:
**24 January - 1 September 2023**

# *Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus*



L-għaxar edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus seħħet bejn l-Erbgħa 22 u l-Ġimgħa 24 ta' Marzu fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta. Dan l-avveniment annwali jsir bis-saħħa ta' kollaborazzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma' dipartimenti universitarji differenti, organizzazzjonijiet studenteski, NGOs u entitajiet governattivi kulturali. L-għan tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kotba huwa li joffri esperjenza simili, iżda fuq skala iżgħar, tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, maħluqa apposta għall-istudenti universitarji u l-akkademiċi. Dil-pjattaforma tagħti lok għal skambju ta' ideat bejn l-istudenti, l-akkademiċi, il-kittieba u l-pubblikaturi lokali.

Il-programm tal-attivitajiet kien jinkludi diskussjonijet tematiċi, sessjonijiet ta' klabb tal-kotba, intervisti ma' kittieba u riċerkaturi lokali u internazzjonali, taħditiet fuq il-letteratura u temi rikurrenti fil-qasam tal-pubblikazzjoni, tnedijiet ta' kotba u ċelebrazzjoni ta' nies prominenti fl-industrija, speċjalment ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2022.

Il-punt laqqiegħi bejn il-letteratura u l-mużika kien esplorat bis-saħħa tal-esebizzjoni *Ħsejjes Letterarji* waqt il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2023, li wriet kotba ppubblikati dan l-aħħar u ħdejhom kodiċi QR li jieħdok biex tisma' l-mużika li tissemma fil-ktieb innifsu. Din l-esebizzjoni interattiva għenet lill-qarrejja jagħżlu l-ktieb li jmisshom jaqraw, waqt li jesperjenzjaw dimensjonijiet ġodda mwassla lilhom mill-mużika f'rumanzi, poeżiji u letteratura mhux fittizja minn Malta.

Fost l-oħrajn, xi attivitajiet fil-programm ta' din l-edizzjoni kienu l-workshop tal-illustrazzjoni mtella' mill-Kunsill Malti għall-Arti, sessjoni ta' qari ta' letteratura queer minn LGBTI+ Gozo, poeżija slam mill-Għaqda tal-Malti – Università, workshop kreattiv dwar il-kitba għaż-żgħażagħ,




It-tinda ta' Kampus Kotba fil-kwadranglu tal-Università

*L-għan tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus hija li joffri esperjenza simili, iżda fuq skala iżgħar, tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, maħluqa apposta għall-istudenti universitarji u l-akkademiċi*




Il-powster tal-Kampus Kotba 2023, iddisinjat minn Anthony Galea

diskussjoni dwar iċ-chapbooks ta' Ede Books, u Palk Ħieles/Open Mic organizzat minn Inizjamed. L-attivitajiet organizzati mill-KNK inkludew intervisti mal-kittieba Tyrone Grima u Alfred Buttigieg.

L-edizzjoni tal-2023 ikkonsolidat ir-relazzjoni tal-KNK mal-esebituri tiegħu, b'pubblikaturi bħal Ede Books/Kixott, Faraxa Publishing, Horizons, Kite Group, Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Għaqda tal-Malti – Università u SKS Publishers li pparteċipaw bħala esebituri. Barra minn hekk, żdiedu esebituri ġodda bħal Mallia & D'Amato Bookshelf Curators, Arts Council Malta, LGBTI+ Gozo u l-fuljett *Think*. Flimkien dawn il-pubblikaturi u l-bejjiegħa tal-kotba offrew għażla wiesgħa ta' kotba lokali u internazzjonali li attiraw l-attenzjoni tan-niċċa tal-qarrejja li jżuru dan l-avveniment.



# Inizjattivi Oħra





Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb itella' diversi inizjattivi tul is-sena, fosthom kampanji promozzjonali, kollaborazzjonijiet ma' msieħba strateġiċi, kif ukoll xogħol istituzzjonali ngħidu aħna laqgħat konsultattivi, sondaġġi tal-industrija, u ħlas ta' pagamenti, u dan dejjem skont l-avviż legali tiegħu.

## Laqgħat ta' konsultazzjoni u xogħol leġislattiv

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb organizza żewġ laqgħat ta' konsultazzjoni separati fil-Victoria Hotel f'Tas-Sliema fis-26 ta' Jannar – waħda

Iċ-Ċentru Malti tal-Ktieb fit-Triq Zekka, il-Belt Valletta



mal-pubblikaturi u l-oħra mal-awturi. Iż-żewġ laqgħat attiraw attendenza numeruża.

Waqt l-ewwel laqgħa mal-pubblikaturi ġew diskussi aspetti varji ta' xogħol il-KNK. Fost l-oħrajn, kien hemm analiżi tal-andament tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022, il-bidliet proposti fid-dati tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2023, il-ħtieġa ta' sondaġġ mal-NSO dwar l-istat tal-pubblikazzjoni f'Malta, il-kalendarju tal-avvenimenti tal-KNK, u suġġerimenti oħrajn għas-sena. Il-pubblikaturi qablu li l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb kellu jsir lejn l-aħħar t'Ottubru kif issuġġerixxa l-KNK, u għalhekk fl-2023 l-avveniment sar bejn it-18 u t-22 tax-xahar.

Il-laqgħa mal-awturi messet suġġetti differenti, fosthom il-proċess tal-ISBN, l-applikazzjonijiet tal-Fond Malti tal-Ktieb, l-approvazzjoni tal-kalendarju tal-KNK għas-sena, u l-professjonalizzazzjoni tal-irwol tal-awtur fis-suq kurrenti tal-pubblikazzjoni. L-awturi b'mod ġenerali qablu mal-idea tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb li r-rebbieħa jixxandru kollha fl-istess serata – kemm tal-Premju Terramaxka u anki tal-adulti.

Il-Kunsill kompla bix-xogħol leġislattiv f'dak li għandu x'jaqsam ma' tnaqqis fit-taxxa mid-dħul fuq drittijiet tal-awtur. Mill-1 ta' Jannar 2023, ir-rata tat-taxxa li awtur iħallas fuq dħul minn drittijiet (royalties) tnaqqset għal 7.5%. Dan jibni fuq ix-xogħol li nbeda 3 snin ilu meta l-KNK talab sabiex it-taxxa inkwistjoni titneħħa u tiġi 0%. Dakinhar it-taxxa tnaqqset minn 18% għal 15%.

Il-KNK kommess li jibqa' jippersisti sabiex dit-taxxa titneħħa. Barra minn hekk, din għandha

*Parti konsiderevoli tax-xogħol tal-KNK matul is-sena tikkonsisti f'inizjattivi varji u xogħol istituzzjonali*

tkun ikkumplimentata minn inċentiva fiskali lill-pubblikaturi, li biha pubblikatur ikun jista' jitlob sa rifużjoni b'mod sħiħ tat-taxxa mħallsa fuq drittijiet imħallsa lill-awturi.

## Iċ-Ċentru Malti tal-Ktieb

Fl-2023 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb laħaq milja ġdida fil-proċess tar-riġenerazzjoni tal-palazz fi 8, Triq Zekka għal ċentru nazzjonali tal-ktieb, bit-tlestija tal-fażi restawrattiva tal-proġett. Wara x-xogħol fuq l-aperturi tal-injam u l-faċċata tal-bini mit-triq u fil-bitħa, ir-restawr issa tlesta fuq il-pitturi tas-seklu 19 li hemm ġewwa mal-ħajt u s-saqaf, li tul is-snin u minħabba l-użu differenti tal-post tgħattew minn saffi differenti ta' żebgħa. Il-fażi li jmiss tal-proġett se tkun li titjieb l-aċċessibbiltà minn ġewwa, u t-tender għal dax-xogħol strutturali ġie ppubblikat fl-2023. Wara jibda x-xogħol fuq is-servizzi tal-binja, l-aħħar irtokki u l-għamara.

L-għan taċ-Ċentru Malti tal-Ktieb se jkun li joffri spazju b'użijiet differenti bil-għan li jservi bħala ċentru kulturali fil-qalba tal-Belt Valletta. B'dal-mod il-ħsieb huwa li kemm il-kultura tal-ktieb u anki l-industrija tal-kotba jibbenefikaw minnu. Maqsum fuq erba' sulari, fosthom kantina li għandha sservi bħala post fejn isiru l-avvenimenti u t-tnedijiet tal-kotba, u bejt, iċ-Ċentru se jkollu wkoll ħanut tal-kotba, kmamar tal-qari, post fejn tiekol, u l-uffiċċji tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

## Il-Jeddijiet tas-Self Pubbliku

L-iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) toffri inċentiv lil min għandu d-drittijiet – awturi, illustraturi, tradutturi, edituri u fotografi – sabiex jitħallsu kull darba li l-ktieb jew kotba tagħhom jissellfu mil-libreriji pubbliċi kollha f'Malta u f'Għawdex (introdotta fl-2014) u mil-Librerija tal-Università ta' Malta (introdotta fl-2021). L-iskema amministrata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktiebu tkopri l-ħlasijiet għal-libreriji pubbliċi u l-Librerija tal-Università. Fl-2023 il-ħlasijiet lill-awturi reġistrati nħarġu kull kwart tas-sena, kemm dawk tal-libreriji pubbliċi u anki dawk tal-Università, kif inhu stipulat fil-ftehim mal-Malta Libraries u l-Librerija tal-Università.

## Il-ħlasijiet tal-Education Exception

Mindu sar l-iffirmar tal-Education Exception bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Organizzazzjoni Maltija tad-Drittijiet Reprografiċi (MRRO) u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb fl-2020, ħmistax-il kumpanija rreġistrata bħala pubblikatur ibbenefikaw minn dal-fond. Skont il-kuntratt tal-Education Exception, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-entità responsabbli li tgħaddi l-flus lill-MRRO, li mbagħad tqassam il-fond lil pubblikaturi u awturi bil-liċenzja u rreġistrati magħha.

L-għan tal-Education Exception hu li tikkumpensa lil min għandu d-drittijiet ta' xogħol letterarju għall-użu tiegħu fis-sistema edukattiva pubblika, u li ġġib lil Malta konformi mad-Direttiva tal-UE għas-Suq Uniku Diġitali. Tindika wkoll il-parametri ta' kif l-MRRO jagħtu l-liċenzja lil entitajiet edukattivi f'Malta li biha dawn ikunu jistgħu jirriproduċu siltiet minn materjal ippubblikat li hemm id-drittijiet fuqu. Il-KNK jistieden lill-entitajiet tal-pubblikazzjoni li mhumiex imsejħin biex jagħmlu dan billi jibagħtu email lil mrro.malta@gmail.com.

## Il-Politika dwar iż-Żamma tad-Dejta

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb imbarka fi traġitt ġdid u importanti, hekk kif f'Novembru implimenta l-Politika dwar iż-Żamma tad-Dejta, li jfisser li mil-lum 'il hemm dokumenti ewlenin li għandhom x'jaqsmu mal-KNK se jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-Politika, li ġiet approvata formalment waqt żjara minn rappreżentanti tal-KNK għand l-Arkivji Nazzjonali fit-13 tax-xahar, se tassigura li jinħażnu rekords kruċjali relatati mal-istorja tal-KNK. L-implimentazzjoni ta' dil-politika tixħet dawl fuq l-impenn li hemm bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet sabiex dad-dokumenti jkunu ppreservati b'mod rispettuż.

F'ġieħ l-integrità u r-relevanza, dil-politika se tkun iċċekkjata kull tant snin sa minimu ta' darba kull ħames snin mill-pubblikazzjoni tagħha. Dawn iċ-ċekkjaturi jħarsu lejn ir-rilevanza tal-kategoriji li jiggwidaw il-proċess u d-dokumentazzjoni, l-aktar fid-dawl ta' xi bidliet legali jew ta' proċedura. Barra minn hekk, dil-politika tieħu post kull politika taż-żamma tad-dejta oħra li kienet qed topera fuq dokumenti simili.

## Donazzjonijiet ta' kotba

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb żamm l-appuntament annwali tiegħu ma' Malta Libraries li tieħu ħsieb il-libreriji pubbliċi kollha ta' Malta u Għawdex, u għamel għadd ta' donazzjonijiet lilha sabiex ikun assigurat li l-ixkakef tal-libreriji kollha jkunu armati bl-aħjar u bl-aktar kotba riċenti minn Malta. Fl-irwol tiegħu bħala aġent edukattiv u kulturali, il-KNK iħabrek sabiex jippromwovi l-qari fis-soċjetà Maltija, u għalih dad-donazzjonijiet huma mezz kif jasal.

Fil-Jum Dinji tal-Ktieb f'April u eżatt qabel il-Milied, il-KNK ta numru konsiderevoli ta' kotba ġodda lil Malta Libraries, li varjaw minn rumanzi, novelli, poeżiji, drama, letteratura mhux fittizja u traduzzjonijiet, sa kotba tat-tfal, tar-riċerka u kotba akkademiċi.

## Ir-rumanz għall-EUPL 2024 minn Malta

Fl-2023 il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kien maħtur mill-Organizzazzjoni Nazzjonali tan-Nomina tal-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura (EUPL) sabiex f'isem Malta jinnomina rumanz għall-premju.

In-nomina trid tissodisfa damma ta' kriterji li jirriflettu l-filosofija tal-EUPL li timbotta fuq skala internazzjonali awturi emerġenti. Il-premju jimmira li jixħet dawl fuq il-kreattività u l-għana diversa li hawn fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam ma' letteratura fittizja, jippromwovi ċ-ċirkulazzjoni ta' dil-letteratura fl-Ewropa, u jħeġġeġ aktar qarrejja jaqraw xogħol li ma jkunx neċessarjament ippubblikat fil-pajjiż tagħhom.

Il-lista tal-finalisti li tinkludi n-nomini minn kull pajjiż titħabbar fl-ewwel jiem ta' Marzu 2024. Mill-2022 'l hawn il-premju m'għadux jingħata lil kull nomina minn kull pajjiż. Minflok, ġurija ta' seba' persuni mill-Ewropa se jiddeċiedu fuq nomina waħda li tkun ir-rebbieħa fuq kulħadd, flimkien ma' ħames nomini oħra li jkun ħaqqhom mertu, magħżula minn 14-il silta tradotta. Il-ġurija tħares lejn il-kisba letterarja tax-xogħol u l-ħila tiegħu li jittraxxendi l-fruntieri.

F'April il-KNK se jkun mitlub jiddefendi n-nomina tiegħu quddiem il-ġurija waqt il-Fiera tal-Ktieb fi Brussell. Jekk il-ġurija tiddeċiedi hekk, in-nominazzjoni minn Malta jaf tagħmilha mas-sitt nominazzjonijiet, b'ċans li eventwalment tkun ir-rebbieħa. Minkejja dal-proċess ġdid, in-nominazzjonijiet minn kull pajjiż se jkunu promossi fuq livell Ewropew sabiex jilħqu qarrejja ġodda u udjenza internazzjonali.

## Sondaġġ mal-Entitajiet ta' Pubblikazzjoni 2022

Għat-tielet sena konsekuttiva, sar is-Sondaġġ mal-Entitajiet ta' Pubblikazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Dan huwa għajn importanti ta' informazzjoni, bi statistika uffiċjali dwar l-industrija tal-kotba. Din id-dejta tiswa mitqlu deheb għall-KNK sabiex ifassal politiki, jattwa bidliet integrali, u jwieżen lill-imsieħba fl-industrija. Id-dejta miġbura se tgħin lill-KNK fil-laqgħat u l-gruppi ta' ħidma li għandu ppjanati għall-2024, li għandhom iwasslu għall-iżvilupp ta' strateġija għall-2025–2030.

Wara konsultazzjoni mal-pubblikaturi ewlenin u l-bord tal-KNK, ġie introdott sondaġġ ġdid b'mistoqsijiet aktar speċifiċi għall-pubblikaturi Maltin u għall-qagħda tal-industrija tal-pubblikazzjoni Maltija. Is-sondaġġ wera tnaqqis sostanzjali fil-pubblikazzjonijiet diġitali, li kienu jammontaw għal 0.5% biss tal-kotba ppubblikati kollha. Il-pubblikazzjonijiet ta' natura kummerċjali kkontribwixxew għal 65% tad-dħul totali, minkejja l-fatt li kien hemm żieda qawwija fit-tiraturi ta' kotba ta' natura edukattiva. Ta' min jinnota li mill-2021 sal-2022 kien hemm żieda kunsiderevoli fil-perċentwal tal-ispejjeż





L-approvazzjoni tal-Politika dwar iż-Żamma tad-Dejta fl-Arkivji Nazzjonali

Id-donazzjoni ta' kotba lil Malta Libraries fil-Jum Dinji tal-Ktieb



## *Punti Ewlenin mis-Sondaġġ mal-Entitajiet ta' Pubblikazzjoni* **2022**

*75%*

**tar-riposti attribwew iż-żidiet fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ktieb għaż-żieda tal-prezz tal-karta**

*60%*

**tal-pubblikaturi kellhom 3 awturi jew anqas b'kuntratt fl-2022**

*80%*

**tal-ISBNs ġodda nħarġu lil entitajiet bi 11-il ISBN jew aktar**

### Bejgħ

*65%*

**bejgħ ta' kotba kummerċjali**

*99.5%* **kotba mitbugħa**

*0.5%* **kotba diġitali**

### Lingwi




**Għadd ta' entitajiet ta' pubblikazzjoni skont is-sena u l-lingwa**

### ISBNs Maħruġa fl-2022

*548* minn 1229 — **lil entitajiet tal-pubblikazzjoni attivi**

*681* minn 1229 — **lil oħrajn, fosthom kittieba awtoppubblikati**

| | 2022 | 2021 | 2020 | 2019 |
|---|---|---|---|---|
| **Kotba Mitbugħa** | 548 | 418 | 429 | 557 |
| **e-books** | 19 | 146 | 171 | 128 |

### Medja tat-Tiratura

| | 2019 Kum. | 2019 Edu. | 2020 Kum. | 2020 Edu. | 2021 Kum. | 2021 Edu. | 2022 Kum. | 2022 Edu. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Żgħar** *0 – 3 ISBNs* | 505 | 116 | 470 | 80 | 473 | 104 | 476 | 649 |
| **Medji** *4 – 10 ISBNs* | 491 | 89 | 320 | 149 | 544 | 213 | 694 | 399 |
| **Kbar** *11+ ISBNs* | 683 | 830 | 615 | 780 | 707 | 600 | 486 | 830 |

fil-produzzjoni ta' ktieb, li għal xi pubblikaturi telgħet sa 80%. Il-biċċa l-kbira ta' min wieġeb is-sondaġġ ra żieda ta' 20% jew inqas. Kważi 75% tal-pubblikaturi qalu li dawn iż-żidiet fl-ispejjeż kienu tort iż-żieda fil-prezz tal-karta, b'16.4% jwieġbu li attribwew sa 100% taż-żieda fl-ispejjeż għaż-żieda fil-prezz tal-karta.

Fejn għandu x'jaqsam kotba ġodda, is-sondaġġ wera li kien hemm żieda ħafifa fin-numru ta' pubblikazzjonijiet b'sottoliċenzja mis-sena ta' qabel. Peress li l-biċċa l-kbira tal-kotba ppubblikati kienu titli oriġinali, dan ifisser li hemm ċerta reżistenza għall-bejgħ u x-xiri tad-drittijiet barranin. Is-sondaġġ jikxef ukoll li 47% u 40% tal-entitajiet tal-pubblikazzjoni allokaw 0% u inqas minn 20% mill-baġit tagħhom għall-promozzjoni u l-marketing tal-prodott tagħhom, rispettivament. Punt ieħor li joħroġ huwa li 60% tal-pubblikaturi li wieġbu s-sondaġġ kellhom biss sa 3 awturi b'kuntratt magħhom fl-2022.

Meta tqabbel in-numru ta' kemm ġew ippubblikati kotba mal-ISBNs maħruġa, wieħed jinnota li l-komunità ta' awtopubblikaturi f'Malta kompliet tikber. Importanti li nissottolineaw li d-dejta dwar l-ISBNs, skont kif tidher fis-sondaġġ tal-NSO, mhux bilfors tkun taqbel ma' dejta nazzjonali jew uffiċjali oħra tal-ISBNs, fosthom dik tal-KNK. Dan għax jaf ikun hemm diskrepanzi minħabba li l-KNK jinkludi anki ISBNs farradin għal kull għamla ta' ktieb, skont il-lingwa, jew skont jekk hux b'qoxra iebsa jew ratba, ngħidu aħna.

## Marketing u mezzi soċjali

L-ingaġġ mal-pubbliku jsir b'inizjattivi li jinfurmaw dwar ix-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, dwar kotba ġodda, dwar il-letteratura Maltija klassika u dwar traġitti ġodda fil-qasam tal-pubblikazzjoni. Dawn huma wħud mill-funzjonijiet li jaqdu l-mezzi soċjali tal-KNK.

Il-pubbliku ntlaħaq b'diversi inizjattivi bħal kompetizzjonijiet, tweżin finanzjarju għal kampanji awdjoviżivi u l-isponsorizzar ta' intervisti televiżivi. L-għan kien li jitqajjem l-interess fuq ir-rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, u saret kampanja tul is-sena ta' promozzjoni tar-rebbieħa u l-finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka. Barra minn hekk, il-KNK alloka riżorsi għal reċensjonijiet letterarji u nieda kampanja biex jitrawwem il-qari tal-letteratura Maltija.

Il-kampanji ffukaw primarjament fuq il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus u l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, u nfirxu fuq medda ta' gazzetti mitbugħin jew online billi l-KNK żamm u saħħaħ il-kuntatti tiegħu mal-midja lokali. Ir-rebbieħa tal-Premju ġew promossi bis-saħħa ta' sensiela ta' siltiet awdjoviżivi li dehru fuq il-pjattaformi tal-mezzi soċjali tal-KNK.

Il-kampanja tal-Festival saret b'ħidma mal-illustratriċi Moira Scicluna Zahra u d-disinjatriċi grafika Sarah Cachia Falzon. Il-firma viżiva tal-kampanja iċċentrat ma' grupp ta' maskots b'kull wieħed ikun iddisinjat apposta għat-tema #kitbakotbauaktar li kien il-motif wara l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023. Il-karattri ntużaw biex jiddelineaw kull sezzjoni fiżika fl-MFCC – b'kull kamra ddedikata lil karattru – u ħadu l-ħajja wkoll f'animazzjoni promozzjonali ta' Kyle Xuereb Cunningham, li ntgħażel wara sejħa miftuħa. Il-maskots kellhom rwol importanti anki fil-kampanja ta' PRs, u assiguraw laqta differenti u innovattiva fil-komunikazzjonijiet tal-KNK mal-midja. Kull maskot kellu marbut miegħu aspett differenti mill-esperjenza multisensorja tal-kotba: mill-att tradizzjonali tal-qari, għall-proċess tal-kitba, sal-addattament teatrali u ċinematografiku tax-xogħol letterarju. Tennejna l-ħidma mal-poddatur popolari Jon Mallia wara l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Festival tal-2022, billi ppromwovejna l-Festival fuq il-poddata tiegħu u billi Mallia stess immodera diskussjoni importanti fuq il-qagħda tal-letteratura f'Malta.

L-ingaġġ ta' maniġer tal-marketing full-time f'Awwissu huwa żvilupp sinjifikanti li għandu jgħin lill-KNK jesplora resqien innovattiv lejn il-komunikazzjonijiet tiegħu, kemm fl-interess tal-Kunsill u anki f'dak tal-imsieħba tiegħu. Huwa u jibni fuq relazzjonijiet eżistenti mal-midja u jaddatta ruħu għal sfidi ġodda, il-KNK se jfittex bilanċ bejn kampanji li jaslu għand il-biċċa l-kbira tan-nies u oħrajn immirati lejn niċeċ differenti ta' qarrejja. Dan kollu bil-ħsieb li l-prodott li noħolqu jibqa' f'moħħ dak li jkun ħalli jiżdied l-interess attiv fil-kotba.

## Il-paġna letterarja fuq l-*Illum*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jisponsorizza paġna letterarja ta' kull ġimgħa fuq il-gazzetta *Illum* tal-Ħadd, li mbagħad tkun ixxerjata online. Dan huwa spazju fejn il-kontributuri mqabbdin mill-KNK jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwar uħud mill-aħjar kotba Maltin, jintervistaw lill-awturi, u jqajmu diskussjonijiet fl-ambitu letterarju.

Fl-2023 kien hemm 51 paġna letterarja, fejn il-biċċa l-kbira minnhom kienu reċensjonijiet fuq ktieb




Ċiċi l-Ispettatriċi hija waħda mill-erba' karattri illustrati minn Moira Scicluna Zahra għall-powster tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023




L-isfida ta' qari mill-iskola San Anton imwieżna mill-KNK għat-tielet sena konsekuttiva



Il-Mural Interattiv tal-MCOI fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023




Il-qoxra tat-tielet edizzjoni tal-*Annwal tal-Illustrazzjoni* tal-MCOI b'illustrazzjoni ta' Carla Polizzi

jew kotba tal-adulti u ż-żgħar rebbieħa ta' premji letterarji. Oħrajn inkludew intervista ma' kittieb jew kittieba, u kritika letterarja li xegħlet bozza fuq tematika partikolari.

Fi Frar il-kontributur veteran Mark Vella ħalla r-riedni tal-paġna u floku daħal tim ta' tliet reċensuri magħmul minn Elena Cardona, Noel Tanti u Patrick J. Sammut. Wara li Tanti ddeċieda li jieqaf, Daniel Cossai nħatar floku lejn l-aħħar ta' Novembru.

## Inwieżnu lill-illustraturi tal-kotba u d-disinjaturi grafiċi

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikkolabora mal-Malta Community of Illustrators (MCOI) billi wieżen it-tielet volum tal-*Annwal tal-Illustrazzjoni*. L-*Annwal* ġie ppubblikat fl-2023 u tnieda waqt l-edizzjoni li għaddiet tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. L-irwol tal-MCOI, li hi megħjuna mill-MCAST Research, huwa li tippromwovi l-illustraturi professjonali, li tixpruna l-użu tal-illustrazzjoni bħala għodda effettiva ta' komunikazzjoni, u li teduka dwar is-suġġett. Din l-edizzjoni tal-*Annwal tal-Illustrazzjoni* fiha 66 xogħol artistiku minn 43 illustratur Malti jew li hu bbażat Malta.

Dawn intgħażlu minn bord ta' aġġudikanti magħmul minn Zoë Barker, iella (Daniela Attard) u Thom Cuschieri, illustraturi distinti f'dan il-qasam li huma bbażati Malta kif ukoll barra minn xtutna. L-Annwal juri illustrazzjonijiet ikkummissjonati għall-qasam kummerċjali u tal-pubblikazzjoni, kif ukoll proġetti personali. Uħud minn dawn l-illustrazzjonijiet ġew esibiti fil-wirja *From Illustration to Book* waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023, imtellgħa mill-KNK f'ħidma mal-Kunsill Malti għall-Arti (ACM).

## L-Isfida Msella

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb wieżen l-inizjattiva L-Isfida Msella, kompetizzjoni tal-qari mnedija mill-Iskola San Anton. Il-konkors jitlob lill-isudenti jaqraw tliet kotba bil-Malti fi tliet xhur, imbagħad ilestu proġett relatat mal-qari li jkunu għamlu: joħolqu powsters, proġetti ta' kitba kreattiva, jew siltiet animati. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tħabbru waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023.

# Ir-Rapport Finanzjarju





## Dħul

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Bilanċ miġjub mill-2022 | | | |
| Kontanti | | | 401.24 |
| Bank | | | 1,118,721.96 |
| Fondi Governattivi (Rikurrenti) | | | 1,425,930.21 |
| Fondi Governattivi (Kapital) | | | 300,000.00 |
| Miżati ta' Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | | | 15,163.00 |

## Ħruġ (1)

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | | | |
| Kuntrattur għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 90,780.94 | | |
| Inizjattivi kulturali u spejjeż oħra | 95,699.67 | | |
| Kiri tal-MFCC għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 119,925.64 | 306,406.25 | |
| Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus | | 14,159.72 | |
| Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb | | | |
| Kiri tas-sala għaċ-Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet | 708.00 | | |
| Trofej | 2,578.30 | | |
| Rebħ monetarju għall-Premji Nazzjonali tal-Ktieb | 75,000.00 | | |
| Miżati tal-Aġġudikanti | 11,200.00 | 89,486.30 | |
| Xiri ta' Kotba | | 26,632.01 | |

| **Kategorija** | **€** | **€** | **€** |
|---|---|---|---|
| Proġetti ta' Esportazzjoni Letterarja | | 14,312.03 | |
| Il-Fond għall-Adattament Ċinematografiku | | 90,000.00 | |
| Spejjeż Operazzjonali | | 19,595.99 | |
| Programmi tar-Radju u tat-TV | | 1,003.00 | |
| Salarji, Allowances u Bonuses | | 284,125.14 | |
| Attivitajiet Kulturali Oħra | | 14,277.98 | |
| Marketing | | 102,653.13 | |
| Insurance | | 693.20 | |
| Telefown u Internet | | 1,791.77 | |
| Dawl u Ilma | | 234.65 | |
| Spejjeż Oħra | | 4,184.15 | |
| Ħlasijiet Professjonali | | 34,488.97 | |
| Ħlasijiet ta' Sħubija | | 1,130.00 | |
| Għotjiet għall-Proġetti li jaqgħu taħt il-Fond Malti tal-Ktieb | | 105,170.50 | |
| Spejjeż tal-Bank | | 1,560.82 | |
| Il-London Book Fair | | 45,944.78 | |
| Ħlasijiet għall-PLR | | 64,674.36 | |
| Ħlasijiet tal-Education Exception | | 99,997.96 | |
| Ir-Restawr tal-Palazz (2) | | | |
| Xogħlijiet Restawrattivi | | 108,474.68 | |
| Bilanċ miġjub mis-sena | | | |
| Kontanti | | 391.81 | |
| Bank | | 1,428,827.21 | |
| | | 2,860,216.41 | 2,860,216.41 |

*Noti: (1) Infiq rikorrenti*
*(2) Infiq kapitali*
** Il-bilanċi pendenti huma kollha ppjanati biex jintefqu matul l-2024 u jinkludu l-iżborżar tal-allokazzjoni ta' €100,000 tal-Education Exception*

# *ISBN & ISMN*



| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur/i – editur/i | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-44-90-7 | Ġrajjiet il-kliem qadim u tekniku | Charles Briffa | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-91-4 | L-aħħar petala u novelli oħrajn | Wayne Farrugia; Charles Briffa (ed.) | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-92-1 | The lure of Italy : studies in Anglo-Italian literature (pbk.) | Peter Vassallo | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-93-8 | The lure of Italy : studies in Anglo-Italian literature (hbk.) | Peter Vassallo | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-85-73-3 | Malta : images of a bygone age | Giovanni Bonello (daħla); Charles Paul Azzopardi (kur.); Guido Stilon (fot.) | Miranda Publishers |
| 978-99909-89-62-5 | National Commission for the Promotion of Equality annual report 2022 | National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) | National Commission for the Promotion of Equality |
| 978-99932-7-872-6 | L-apprendist saħħar | Victor Fenech; Matt Stroud (ill.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-901-3 | Tbajja' tax-xemx u stejjer oħra għad-dell | Rita Saliba | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-907-5 | Qegħda fil-ponta ta' lsieni It-3et ktieb | Ġużi Gatt | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-908-2 | Għażiż ġismi | Immanuel Mifsud | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-910-5 | Il-bawxati ta' Ġuġina | Maria Laura Vella Clark; Sue Flask (ill.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-914-3 | Il-kelma ta' Eddie Fenech Adami | James Aaron Ellul | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-915-0 | Reforming Malta's media system | Joseph Borg, Therese Comodini Cachia | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-917-4 | Karattri tal-fantasija Maltin | Ġużi Gatt | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-918-1 | Doqqu doqqu għid Malti | Reno Saliba; Elisa Chetcuti (ill.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-919-8 | Fjura tas-sabbara, fjura tax-xadina | Irene Chias; Mark Vella (trad.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-920-4 | Id-djarju ta' Enzo : 28 ta' Lulju 2020 - 17 ta' Diċembru 2021 | Carmen Gusman | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-921-1 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet roża (flash cards) | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |

# *Il-pubblikazzjonijiet li jġorru ISBN jew ISMN Malti*



| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur/i – editur/i | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-922-8 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet oranġjo (flash cards) | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-923-5 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet magenta(flash cards) | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-924-2 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet kannella (flash cards) | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-925-9 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet ħodor (flash cards) | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-926-6 | Nisimgħu u nifhmu: L-attivitajiet | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-927-3 | Nisimgħu u nifhmu: Il-manwal | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-928-0 | Nisimgħu u nifhmu: Il-kliem | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-929-7 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet ċelesti | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-930-3 | Nisimgħu u nifhmu: Il-leħħiet blu | Mark Zammit | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-931-0 | Is-sinjura Ermelinda u l-parrukkier | Maria Cini; Sue Flask (ill.) | Klabb Kotba Maltin / Midsea Books Ltd |
